*l-intenzjoni tal-leġiżlatur żgur li ma kienx li jgħabbi l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ b'formaliżmu u riġidità żejda, u ċertament li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 13(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 għandhom jingħataw l-aktar tifsira wiesgħa possibbli, sabiex jinkludu proprju tilwimiet li mhumiex strettament talbiet minn bdiewa u raħħala għall-għoti ta' fondi jew pagamenti, iżda li jinkludu wkoll tilwimiet li jirriżultaw minn talbiet oħra li jistgħu jsiru lill-Aġenzija għall-Pagamenti –it-test tar-Regolament 376/2008 huwa ċar, u b'mod tassattiv jimponi obbligu fuq l-aġenzija appellanta li l-liċenzji li toħroġ ikunu ttajpjati jew mimlija b'mezz kompjuterizzat –il-bidu tal-katina ta' avvenimenti li wassal biex in-negozju prospettat jisfaxxa, kienet proprju din l-insistenza da parti tal-aġenzija appellanta li toħroġ il-liċenzji miktuba bl-idejn, kuntrarjament għal dak li jgħid it-test tal-artikolu 17(5) tar-Regolament 376/2008 –il-qofol tal-kwistjoni hawnhekk mhix jekk l-importazzjoni setgħetx tirnexxi, għaliex minn dak li ntqal tul dawn il-proċeduri jirriżulta li l-liċenzji ma kinux meħtieġa ad validitatem biex iz-zokkor seta' jiġi impurtat. Imma kienu meħtieġa liċenzji maħruġa validament skont ir-Regolament biex in-negozju tal-appellati jkun vijabbli, u biex l-appellati jkollhom l-aċċertament li ma kinux ser jiġu obbligati jħallsu dazju fuq il-volumi kbar impurtati minnhom*

**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL

## (Kompetenza Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 96/2019 LM

**Bio Diets EU Limited (C 46197), Bio Life Trading Ltd (C 56208), Bio Lifestyle Trading Ltd (C 56209), Bio Nutrition Trading Ltd (C 56207), Euphoria Trading Ltd (C 56210), Island Agro Limited (C 47782), Organic Lifestyle Trading Ltd (C 56206), Organic Nutrition Trading Ltd (C 56205), Pure Healthy Foods Trading Ltd (C 56204) u Pure Organic Foods Trading Ltd (C 56203)**

*("l-appellati")*

***vs.***

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima**

*("l-appellanta")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima ġia Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima**, [hawnhekk "l-aġenzija appellanta"], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tal-10 ta' Diċembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali appellat"), li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li l-intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti **Bio Diets EU Limited (C 46197), Bio Life Trading Ltd (C 56208), Bio Lifestyle Trading Ltd (C 56209), Bio Nutrition Trading Ltd (C 56207), Euphoria Trading Ltd (C 56210), Island Agro Limited (C 47782), Organic Lifestyle Trading Ltd (C 56206), Organic Nutrition Trading Ltd (C 56205), Pure Healthy Foods Trading Ltd (C 56204) u Pure Organic Foods Trading Ltd (C 56203)** [minn issa 'l quddiem "l-appellati"], dan wara li t-Tribunal ikkonkluda li l-liċenzji tat-tip AGRIM maħruġa mill-intimata huma invalidi għaliex ġew maħruġa bl-idejn minflok ittajpjati, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Kummissjoni Numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li dan l-iżball da parti tal-aġenzija intimata li ħarġet il-liċenzji miktuba bl-idejn, kif ukoll il-fatt li dawn il-liċenzji kienu validi sal-31 ta' Diċembru, 2013 minflok sal-31 ta' Jannar, 2014, għamluha impossibbli legalment u fattwalment sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jadempixxu ruħhom mal-obbligi imposti fuqhom skont il-liġi għall-importazzjoni taz-zokkor inkwistjoni. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li l-aġir tal-intimata kien wieħed

abbużiv u mingħajr ġustifikazzjoni legali meta din talbet u ottjeniet mingħand FIMBank plc il-ħlas tas-somom garantiti li jammontaw għal €165,975.20. It-Tribunal iddeċieda li konsegwenza ta' dan l-aġir ir-rikorrenti sofrew danni konsistenti fit-telf tal-ammont totali ta' €165,975.20, u l-Aġenzija intimata hija responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-danni. It-Tribunal iddeċieda wkoll li l-Aġenzija intimata għandha tħallas lis-soċjetajiet rikorrenti d-danni likwidati fl-ammont ta' €165,975.20, bl-imgħax fuq dan l-ammont kalkolabbli mis-7 ta' Awwissu, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-*istatement of Claim* tagħhom, is-soċjetajiet rikorrenti spjegaw li huma jimportaw konsenji ta' zokkor tal-kannamieli (*cane sugar)* minn diversi pajjiżi, fosthom mill-Indja, taħt konċessjonijiet taz-zokkor magħrufa bħala 'CXL', u li sabiex jagħmlu dan huma jeħtieġ li japplikaw għal liċenzja tal-importazzjoni (magħrufa bħala AGRIM) mill-Aġenzija intimata, taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008. Ir-rikorrenti spjegaw li skont l-artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni numru 891/2009 tal-25 ta' Settembru, 2009, il-perijodu tal-kwota tariffarja jinqasam f'perijodi ta' xahar kull wieħed u l-kwoti tariffarji jinfetħu fuq bażi annwali għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Ir-rikorrenti spjegaw li skont it-tieni paragrafu tal-artikolu 5(1) tar-Regolament, l-applikazzjonijiet ta' liċenzji għall-ewwel sub-perijodu, jiġifieri dak bejn l-1 u l-31 ta' Ottubru, jistgħu jiġu ppreżentati sal-14-il jum tax-xahar ta' qabel dak is-sub-perijodu, jiġifieri sal-14

ta’ Settembru. Intqal ukoll li skont it-termini tal-artikolu 8(2) tal-istess Regolament, il-liċenzji tal-importazzjoni għall-ewwel sub-perijodu, għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet mill-ewwel jum sat-tmien jum tax-xahar ta’ wara dak ix-xahar li fih tkun saret l-applikazzjoni, jiġifieri mill-1 sat-8 ta’ Ottubru, u li skont l-artikolu 8(3) tar-Regolament, il-liċenzji għandhom ikunu validi sa tmiem it-tielet xahar ta’ wara dak li fih ikunu nħarġu, iżda mhux aktar tard mit-30 ta’ Settembru. Is-soċjetajiet rikorrenti spjegaw li fit-3 ta’ Settembru, 2013, is-soċjetà Bio Diets EU Limited (C 46197) flimkien mas-sussidjarji tagħha Bio Life Trading Ltd (C 56208), Bio Lifestyle Trading Ltd (C 56209), Bio Nutrition Trading Ltd (C 5607), Euphoria Trading Ltd (C 56210), Island Agro Limited (C 47782), Organic Lifestyle Trading Ltd (C 56206), Organic Nutrition Trading Ltd (C 56205), Pure Healthy Foods Trading Ltd (C 56204) u Pure Organic Foods Trading Ltd (C 56203), ippreżentaw applikazzjoni kull wieħed għall-ħruġ ta’ liċenzja AGRIM għall-importazzjoni ta’ għaxar miljun kilogramma ta’ zokkor tal-kannamieli mill-Indja, b’tali mod li ġew ippreżentati għaxar applikazzjonijiet separati, u dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati. Intqal ukoll li flimkien ma’ dawn l-applikazzjonijiet, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw ukoll garanziji bankarji lill-aġenzija intimata, fis-somma komplessiva ta’ żewġ miljun Euro (€2,000,000). Is-soċjetajiet rikorrenti spjegaw li dawn il-garanziji bankarji kienu meħtieġa sabiex id-detentur tal-liċenzja jiggarantixxi lill-awtoritajiet kompetenti, iġifieri lill-aġenzija intimata, li sejjer jissodisfa l-obbligazzjoni għall-importazzjoni tal-prodotti inkwistjoni matul il-perijodu tal-validità tal-liċenzji. Intqal ukoll li l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja ma tista’ tiġi aċċettata sakemm ma tkunx ingħatat tali garanzija bankarja, li fil-każ ta’ konċessjonijiet bħal dawn, tiġi kkalkulata bir-rata ta’ €20 għal kull tunnellata. F’każ li l-

importazzjoni ma sseħħx, u ma tingħata l-ebda estensjoni tal-liċenzja fuq bażi ta' forza maġġuri, id-detentur tal-liċenzja jitlef il-garanzija.

3. Is-soċjetajiet rikorrenti spjegaw li fil-15 ta' Ottubru, 2013, jiġifieri ġimgħa wara l-perijodu stipulat fir-Regolament imsemmi, huma ġew mgħarrfa mill-aġenzija intimata, li l-liċenzji mitluba nħarġu u li setgħu jinġabru. Dawn il-liċenzji nħarġu għall-importazzjoni ta' 8,298.76 tunnellata ta' zokkor mill-Indja, u għalhekk il-garanziji bankarji mogħtija kienu jammontaw għal €165,975,20. Is-soċjetajiet rikorrenti qalu li huma però mill-ewwel intebħu li kienu ser jiffaċċjaw diversi problemi bil-liċenzji kif maħruġa lilhom, fosthom għaliex dawn il-liċenzji nħarġu b'kitba bl-idejn minflok b'tipa ttajpjata jew b'mezzi kompjuterizzati, u għalhekk skont il-liġi ma kinux validi. Is-soċjetajiet rikorrenti spjegaw li dawn il-liċenzji kellhom perijodu ta' validità sal-31 ta' Diċembru, 2013, meta suppost kellhom ikunu validi sal-31 ta' Jannar, 2014. Barra minn hekk fuq il-liċenzji ġie indikat li dawn ġew sottomessi lill-aġenzija intimata fis-26 ta' Settembru, 2013, iżda fil-verità dawn kienu ġew ippreżentati mis-soċjetajiet rikorrenti fit-3 ta' Settembru, 2013, u fuq il-liċenzji ġie indikat li dawn ġew maħruġa mill-aġenzija intimata fis-26 ta' Settembru, 2013, meta fil-verità kien biss fil-15 ta' Ottubru, 2013, li s-soċjetajiet rikorrenti ġew infurmati li dawn il-liċenzji kienu nħarġu mill-aġenzija intimata u li esponenti tas-soċjetajiet rikorrenti setgħu jmorru għalihom biex jiġbruhom.

4. Is-soċjetajiet rikorrenti qalu li huma ġibdu l-attenzjoni tal-aġenzija intimata li fix-xhur preċedenti huma kienu inkorrew diversi spejjeż minħabba problemi bil-liċenzji li kienu nħarġulhom, u kien hemm riskju serju li jekk jużaw liċenzji miktuba bl-idejn dawn ma kinux ser jiġu aċċettati, u għalhekk huma

kienu ser jinkorru *demurrage charges* li jammontaw għal madwar $103,750 kull ġurnata. Ir-rikorrenti spjegaw li l-liċenzji kollha maħruġa mill-aġenzija intimata fil-passat dejjem inħarġu b'tipa ttajpjata, u għalhekk huma kienu sorpriżi meta ġew iffaċċjati bir-rifjut tal-intimata sabiex toħroġ il-liċenzji mill-ġdid, u ittajpjati. Ir-rikorrenti qalu li t-tweġiba li ngħataw kienet li dan kien xogħol żejjed li l-intimata ma kellhiex ħin u riżorsi umani għalih. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li fil-15 ta' Ottubru, 2013 kien hemm strajk f'wieħed mill-portijiet tal-Indja, li l-effetti tiegħu baqgħu jinħassu tul Ottubru u Novembru kollu tal-istess sena, u l-port ma kienx qiegħed jaċċetta *shipments* ġodda. Ir-rikorrenti qalu li min-naħa tagħhom damu tal-anqas sal-21 ta' Novembru, 2013 f'taħdidiet mal-aġenzija intimata sabiex din toħroġ liċenzji validi kif suppost, imma din żammet ferm il-pożizzjoni tagħha. Barra minn hekk, fil-21 ta' Novembru, 2013, l-aġenzija intimata infurmathom li f'każ li jinqala' xi ħaġa mal-awtoritajiet tal-port ta' xi pajjiż ieħor, l-aġenzija intimata kienet disposta li tagħti l-għajnuna meħtieġa, u għalhekk huma setgħu jipproċedu bl-importazzjoni taz-zokkor mill-Indja. Ir-rikorrenti qalu li hawnhekk huma ddeċidew li ma jibqgħux jinsistu mal-aġenzija sabiex din toħroġilhom liċenzji ttajpjati, għaliex kienu jafu li kien ser ikollhom bżonn japplikaw għal-liċenzja fuq bażi ta' *force majeure,* li huma ttamaw li tingħatalhom ittajpjata. Ir-rikorrenti spjegaw li l-vjaġġ mill-Indja lejn l-Ewropa jieħu madwar xahar, u għalhekk peress li l-liċenzji erronjament ħarġu validi sal-31 ta' Diċembru, 2013, is-*shipments* kellhom jitilqu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru, 2013. Dan iżda ma kienx possibbli kemm minħabba t-telf ta' żmien fit-trattattivi bejn ir-rikorrenti u l-intimata sabiex din toħroġ il-liċenzji kif suppost, kif ukoll minħabba l-istrajk fil-portijiet. Ir-rikorrenti spjegaw li l-artikolu 39(1) tar-

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008 jipprovdi li meta minħabba xi avveniment ta' forza maġġuri, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jkunux jistgħu jseħħu matul il-perijodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, id-detentur tal-liċenzja għandu japplika jew sabiex il-perijodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikun imtawwal, jew sabiex il-liċenzja jew ċertifikat jiġu kkanċellati. Qalu li fl-4 ta' Diċembru, 2013, huma applikaw mal-*Force Majeure Board* tal-aġenzija intimata sabiex toħorġilhom estensjoni ta' sitt xhur fuq l-għaxar liċenzji kollha li kellhom is-soċjetajiet rikorrenti. Komplew jgħidu li fis-17 ta' Diċembru, 2013, l-aġenzija intimata infurmat lis-soċjetajiet rikorrenti li peress li l-liċenzji kienu validi erronjament sal-aħħar ta' Diċembru, 2013, minflok sal-aħħar ta' Jannar, 2014, hija kienet ser testendi l-liċenzji relattivi kollha sal-31 ta' Jannar, 2014. Ir-rikorrenti qalu li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, l-aġenzija intimata mhux testendi l-liċenzji kellha, iżda tikkoreġi l-iżball ħalli d-dati jiġu kif suppost. Ir-rikorrenti qalu li dawn il-liċenzji baqgħu qatt ma ngħatawlhom u għalhekk lanqas biss setgħu jagħmlu użu minnhom sabiex b'xi mod ilaħħqu t-traġitt tal-konsenja taz-zokkor qabel il-31 ta' Jannar, 2014. Qalu li kieku l-liċenzji relattivi ħarġu korretti mill-bidu, huma ma kienx ikollhom għalfejn japplikaw għal estensjoni fuq bażi ta' *force majeure,* u lanqas ma kien ikollhom japplikaw għal estensjoni bħal din, li kieku l-liċenzji nħarġu kif suppost qabel it-8 ta' Ottubru, 2013. Ir-rikorrenti spjegaw kif għal aktar minn tliet xhur huma staqsew lill-aġenzija intimata dwar il-progress li kien sar fuq il-każ tal-*force majeure,* u din tal-aħħar kienet tinfurmahom li l-każ tagħhom għad irid jinstema, u li għad hemm xi xogħol pendenti, b'dan li kien hemm diversi okkażjonijiet meta l-laqgħa tal-*board* ġiet imħassra. Ir-rikorrenti qalu li kien biss fis-7 ta' Marzu, 2014, li huma ġew

infurmati li l-bord kien ċaħad it-talbiet tagħhom, u konsegwentement l-aġenzija intimata kienet ser tibda proċeduri sabiex titħallas taħt il-garanzija bankarja. Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li fost ir-raġunijiet li ngħataw għalfejn il-bord ma kienx laqa' t-talbiet tagħhom, kien hemm dik li huma għamlu t-talba tagħhom ftit inqas minn xahar qabel ma kellhom jiskadu l-liċenzji, meta dan ma kien xejn għajr żball da parti tal-aġenzija intimata. Ir-rikorrenti qalu li l-aġenzija intimata mill-ewwel ġiet infurmata li huma kienu ser jappellaw minn din id-deċiżjoni u għal dan il-għan intbagħtu erba' ittri, bl-intiża li l-aġenzija intimata tikkonsidra l-każ tagħhom mill-ġdid. Qalu li fil-25 ta' Marzu, 2014, jiġifieri qabel ġie deċiż l-appell tas-soċjetajiet rikorrenti, l-aġenzija intimata infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li hija kienet qiegħda ċċedi lura l-kwota allokata lis-soċjetajiet rikorrenti, u għalhekk din ħadet id-deċiżjoni li ċċedi l-kwota tas-soċjetajiet rikorrenti qabel ma ngħatat deċiżjoni finali f'dan ir-rigward. Ir-rikorrenti qalu li fis-7 ta' April, 2014, huma ġew infurmati li d-deċiżjoni oriġinali tal-*Force Majeure Board* kienet ġiet ikkonfermata, għaliex fil-passat l-ebda importatur ma kellu problema meta uża liċenzja maħruġa bl-idejn. Ir-rikorrenti qalu li huma għandhom provi konkreti li kull meta huma jew klijenti tagħhom ippruvaw jagħmlu użu minn liċenzja maħruġa bl-idejn, huma kienu jiffaċċjaw problemi. Ir-rikorrenti spjegaw li kienet din il-katina ta' avvenimenti li wasslet biex huma tilfu n-negozju jew l-opportunità li jaslu fi ftehim mal-klijenti tagħhom fl-Ewropa sabiex jimpurtaw il-kwoti taz-zokkor rispettivi allokati lilhom, apparti li daħlu fis-sogru li jitilfu l-ammont totali ta' €165,975.20 li kienu ġew garantiti mill-bank tal-aġenzija intimata. Qalu li l-aġenzija intimata f'diversi okkażjonijiet qalet li ma kinitx ser tirrilaxxa l-garanziji bankarji lura lilhom, u sussegwentement talbet lill-bank iħallas is-

somom garantiti (€165,975.20). Ir-rikorrenti komplew jgħidu li dan ifisser li apparti d-danni li ġew ikkawżati lis-soċjetajiet rikorrenti mill-aġenzija intimata konsistenti f'telf ta' negozju, l-intimata ppremjat lilha nnifisha bis-somma ta' €165,975.20 meta kien l-aġir negliġenti tagħha li għamilha legalment u fattwalment impossibbli għar-rikorrenti li jadempixxu ruħhom mal-obbligi tagħhom skont il-liġi.

## Mertu

5. Is-soċjetajiet rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri minħabba d-danni sofferti minnhom konsegwenza tal-aġir tal-aġenzija intimata. Permezz tar-rikors tagħhom quddiem il-Tribunal, huma talbu lit-Tribunal jiddikjara li: l-liċenzji AGRIM maħruġa lilhom huma invalidi għaliex huma miktuba bl-idejn minflok ġew ittajpjati, bi ksur tal-artikolu 39(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008; li l-aġir tal-aġenzija intimata li toħroġ il-liċenzji miktuba bl-idejn u li dawn ikunu validi sal-31 ta' Diċembru, 2013, minflok sal-31 ta' Jannar, 2014, għamilha impossibbli għalihom li jottemperaw ruħhom mal-obbligazzjonijiet imposti fuqhom skont il-liġi għall-importazzjoni taz-zokkor inkwistjoni; li l-aġir tal-aġenzija intimata kien wieħed abbużiv u mingħajr ġustifikazzjoni legali partikolarment meta din talbet u ottjeniet mill-bank il-ħlas tas-somom garantiti fl-ammont ta' €165,975.20; li konsegwenza tal-aġir tal-aġenzija intimata, is-soċjetajiet rikorrenti sofrew danni konsistenti fit-telf tas-somma totali ta' €165,975.20; li l-aġenzija intimata hija responsabbli għal dawn id-danni; kif ukoll talba sabiex

l-aġenzija intimata tiġi ordnata tħallas id-danni likwidati fis-somma ta' €165,975.20 lir-rikorrenti.

6. Min-naħa tagħha l-aġenzija intimata eċċepiet li hemm ċerti prodotti agrikoli, senjatament dawk indikati fir-Regolament Ewropew 1308/2013 li għandhom bżonn AGRIM *licence* sabiex ikunu jistgħu jiġu impurtati minn pajjiżi terzi. Spjegat li hija l-entità li għandha kompetenza toħroġ liċenzji bħal dawn. L-aġenzija intimata eċċepiet preliminarjament li t-talbiet kif dedotti fit-talba jeżorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal u dan għaliex dak li qiegħed jintalab ma jirrigwardax tilwima li tirriżulta minn xi talba magħmula lill-intimata, kif jipprovdi r-Regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03. L-aġenzija intimata qalet li minkejja li huma miktuba bl-idejn, il-liċenzji maħruġa minnha huma validi, dejjem ġew rikonoxxuti u ebda operatur qatt ma kellu kwistjonijiet minħabba li l-liċenzji ma kinux ittajpjati. Qalet ukoll li dawn il-liċenzji maħruġa bl-idejn intużaw mis-soċjetajiet rikorrenti stess preċedentement, u dan mingħajr ebda problemi. Qalet li l-fatt li r-rikorrenti tilfu l-garanzija bankarja, bl-ebda mod mhuwa marbut mal-fatt li l-liċenzja inkwistjoni kienet miktuba bl-idejn. L-intimata eċċepiet li l-AGRIM *licences* huma regolati permezz tar-Regolament Ewropew 376/2008, li fost affarijiet oħra jistipula l-perijodu massimu ta' validità li jista' jkollha liċenzja, l-ammont tal-garanzija li trid titħallas minn persuna li tikseb liċenzja sabiex timporta l-prodott agrikoli partikolari, u dan bħala garanzija li l-prodott ser jiġi impurtat fil-perijodu ta' validità tal-liċenzja, u li l-garanzija tiġi irtirata f'każ li l-importatur ma jimpurtax il-prodott agrikolu fil-perijodu indikat fil-liċenzja, għajr għal dawk il-każijiet ta' *force majeure* rikonoxxuti mill-aġenzija stess.

Qalet li f'dan il-każ il-garanzija bankarja ġiet irtirata minnha minħabba li s-soċjetajiet rikorrenti naqsu milli jimpurtaw iz-zokkor fiż-żmien stipulat, wara li t-talba tagħhom għall-estensjoni taż-żmien indikat fil-liċenzja ġiet miċħuda għal raġunijiet validi fil-liġi. L-aġenzija intimata qalet li r-raġunijiet mogħtija mis-soċjetajiet rikorrenti ma setgħux jitqiesu li jikkostitwixxu *force majeure* skont ir-Regolament 376/2008. Qalet ukoll li ma kien hemm l-ebda żball fid-dati tal-validità tal-liċenzja kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti.

7. Flimkien mal-*istatement of claim* tagħhom is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw kopji tal-applikazzjonijiet sottomessi minnhom lill-aġenzija intimata, kopji tal-garanziji bankarji mogħtija lill-aġenzija intimata, kopja ta' *email* tal-15 ta' Ottubru, 2013, kopji tal-liċenzji maħruġa li jidhru ċar li huma miktuba bl-idejn, kopji ta' ittri ta' riduzzjoni maħruġa mill-FIMbank plc, kopja ta' avviż maħruġ fid-*Daily Shipping Times* tal-21 ta' Novembru, 2013, u kopji ta' diversi *emails* skambjati bejn il-partijiet bħala prova tal-fatti kif seħħew.

8. **Charlo Camilleri**, li fiż-żmien rilevanti kien jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, xehed li l-aġenzija kienet ħarġet liċenzja sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jimpurtaw ċertu tip ta' zokkor minn pajjiżi terzi. Qal li skont kif stipulat fir-Regolament 376/2008, ir-rikorrenti kienu pprovdew garanzija bankarja ta' €165,000, liema garanzija kellha tiġi rtirata mill-aġenzija f'każ li t-terminu li fih kellu jiġi impurtat iz-zokkor ma jiġix onorat mis-soċjetajiet rikorrenti. Ix-xhud qal li ladarba rriżulta li s-soċjetajiet rikorrenti naqsu milli jonoraw iż-żmien mogħti lilhom għall-importazzjoni taz-zokkor, l-aġenzija rtirat il-flus idddepożitati taħt il-garanzija. Qal ukoll li skont ir-

Regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03, persuna għandha tintavola proċeduri quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ f'każ ta' tilwima li tirriżulta minn talba magħmula lill-Aġenzija għall-Pagamenti. Kompla jgħid li fil-każ odjern ma tirriżultax tilwima bħal din, għaliex ma kien hemm l-ebda talba da parti tas-soċjetajiet rikorrenti lill-aġenzija, għajr għal talba sabiex jiġi estiż iż-żmien għall-importazzjoni taz-zokkor, għal raġunijiet li r-rikorrenti qalu li jikkostitwixxu *force majeure.* Kompla jgħid li d-deċiżjoni tal-aġenzija intimata li ma taċċettax tali talba qatt ma ġiet ikkontestata, u lanqas mhija qed tiġi kkontestata f'dan l-Arbitraġġ.

9. Permezz ta' lodo arbitrali parzjali mogħti fl-24 ta' Awwissu, 2015, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel eċċezzjoni tal-aġenzija intimata ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa, wara li t-Tribunal iddeċieda li l-kelmiet operattivi tar-Regolament, *"any dispute arising from claims made to the Paying Agency"* għandhom jingħataw interpretazzjoni wiesgħa u mhux restrittiva.

10. **Bjorn Callus**, *technical attache* fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, u li kien involut f'dan il-każ peress li kien *manager CMO* u kien imexxi l-unit rispettiv, xehed li l-aġenzija intimata tirċievi, tipproċessa u wara li tagħmel il-verifiki neċessarji, toħroġ il-liċenzji mitluba minnha. Qal li kull applikant irid jippreżenta garanzija bankarja flimkien mal-applikazzjoni tiegħu, u kull garanzija bħal din tkun abbinata ma' CN code, li jiddefinixxi l-prodott. Qal li r-Regolament jistabbilixxi r-rata ta' kemm trid tkun il-garanzija bankarja. Kompla jgħid li f'dan il-każ, l-applikazzjonijiet da parti tas-soċjetajiet rikorrenti ġew ippreżentati qabel fetħu l-applikazzjonijiet. Ix-xhud

qal li f'laqgħa li saret fis-16 ta' Diċembru, 2013, l-importatur kien irrimarka li l-aġenzija intimata kienet qiegħda tinterpreta l-liġi b'mod żbaljat, u wara li saru l-verifiki, kien ġie stabbilit li dan kellu raġun, u għalhekk il-liċenzji kellhom jiġu emendati sabiex ikollhom perijodu ta' skadenza sal-31 ta' Jannar, 2014. Qal li l-liċenzji ħarġu miktuba bl-idejn għaliex sal-2007 dawn dejjem kienu jsiru bil-kitba, u kienu biss is-soċjetajiet rikorrenti li ġieli għamlu talbiet sabiex dawn id-dokumenti jkunu ttajpjati. Qal li l-fatt li liċenzja tinħareġ bil-miktub u mhux ittajpjata, ma jinnewtralizzax il-validità tagħha, u l-ebda importatur qatt ma kellu problema minħabba f'hekk. Qal li kien hemm problema minħabba strajk fil-portijiet Indjani, li affettwa x-xhur ta' Ottubru u Novembru tal-2013, u in vista tal-fatt li t-traġitt mill-Indja lejn l-Ewropa idum madwar xahar, lejn nofs Diċembru tal-2013, inbidlet id-data tal-validità tal-liċenzji mogħtija lir-rikorrenti. Qal li talbiet marbuta ma' forza maġġuri kienu jiġu evalwati permezz ta' proċedura interna indipendenti mill-*units* kollha. Ix-xhud qal li huwa l-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti li jiddeċiedi jekk kienx hemm forza maġġuri jew le, u f'każ li l-applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet, dan ikollu dritt jappella minnha skont il-proċedura. Ix-xhud qal li hija l-Unjoni Ewropea li tiffissa l-kwota tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-pajjiż li jkun, u l-*unit* tinnotifika lill-Unjoni Ewropea permezz ta' sistema *online* dwar x'ikun iddaħħal minn kull kwota. Ix-xhud iżda qal li ma jafx x'inhi r-raġuni għalfejn f'dan il-każ il-*unit* irritornat lura l-allokazzjoni tal-importazzjoni tal-prodott li kienet tas-soċjetajiet rikorrenti, qabel ġie deċiż il-punt tar-rikonsiderazzjoni dwar forza maġġuri. Ix-xhud ippreżenta wkoll *affidavit* fejn spjega li l-*order number* 09.4321 huwa numru uniku għall-prodott CXL Sugar impurtat mill-Indja, u dan il-prodott applikat biex timpurtah il-kumpannija Bio Diets,

għalkemm dan ma kellux ifisser li ma kienx hemm kumpanniji oħra fl-Unjoni Ewropea li applikaw għalih huma wkoll. Spjega li din il-kumpannija, permezz tal-għaxar kumpanniji tagħha, applikat biex timporta mitt elf tunnellata minn dan iz-zokkor. Qal li wara li l-Istati Membri irċevew l-applikazzjonijiet u nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjonijiet u l-ammonti rispettivi tagħhom permezz tas-sistema AMIS-QUOTA, fejn ikun hemm skadenza sa meta wieħed jista' jagħmel dan, il-Kummissjoni Ewropea toħroġ *Commission Implementing Regulation* fejn tindika l-ammont li jingħata kull pajjiż skont l-applikazzjonijiet li rċieva. Fil-każ odjern, spjega li l-*co-efficient* tal-allokazzjoni relatata mal-ordni bin-numru 09.4321 kien ta' 8.298755%, li jfisser li minn applikazzjoni għal mitt elf tunnellata ta' zokkor, Bio Diets kellha permess timporta biss 8,298.76 tunnellati. Qal li dan il-fatt jindika li possibilment Bio Diets ma kinitx l-unika kumpannija fl-Unjoni Ewropea li applikat għal dan il-prodott. Qal li l-Kummissjoni Ewropea jkollha ftehim ma' pajjiż terz, f'dan il-każ aktarx l-Indja, li ser timporta ammont definit tal-prodott partikolari mingħajr ma jitħallas dazju. Qal li din hija prerogattiva tal-Kummissjoni li tiddeċiedi ma' liema pajjiż tagħmel ftehim bħal dan u kemm għandha timporta taħt dan il-ftehim mingħajr ma jitħallas dazju. Qal li l-istess Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi l-perijodu meta dan ikun irid jiġi impurtat, kif ukoll iż-żmien li fih l-Istat Membru jrid jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea kemm fil-fatt ġie impurtat minn dan il-prodott taħt is-sistema AMIS-QUOTA. Qal li kien għalhekk li ladarba l-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lill-partijiet interessati li l-ammont ta' CXL Sugar li għandu jiġi impurtat mill-Indja taħt din is-sistema kien ser jiġi impurtat kollu, skont l-allokazzjonijiet li ngħataw, il-proċess biex jiġu milqugħa aktar applikazzjonijiet ġie sospiż. Kompla jgħid li

min-naħa l-oħra, wara li l-Istati Membri ġew innotifikati li l-ammont li kellu jiġi impurtat, fil-fatt ma ġiex impurtat, tneħħiet is-sospensjoni tal-applikazzjonijiet għall-prodott CXL Sugar taħt l-*order number* 09.4321. Kompla jgħid li d-deċiżjoni li l-applikazzjonijiet jinfetħu mill-ġdid ittieħdet biss mill-Kummissjoni, u din id-deċiżjoni ttieħdet irrispettivament minn applikazzjonijiet dwar forza maġġuri sottomessi fl-Istati Membri. Qal ukoll li hija prerogattiva tal-Istati Membri jaċċettawx jekk każ ikunx ta' forza maġġuri jew le, u minkejja li l-Kummissjoni tkun reġgħet fetħet l-applikazzjonijiet, jekk Stat Membru jiddeċiedi li jilqa' s-sottomissjoni tal-forza maġġuri, l-importatur xorta waħda għandu d-dritt li jimporta l-ammont allokat lilu. Ix-xhud qal li l-*order number* 09.4321 mhuwiex in-numru relatat esklussivament mal-applikazzjoni li kienet għamlet Bio Diets, iżda huwa n-numru tal-kwota. Ix-xhud qal li għall-perijodu bejn Ottubru 2012 u Jannar 2013, *order number* 09.4321, jiġifieri l-kwota ta' CXL Sugar mill-Indja, ma kinitx tikkonsisti biss fl-applikazzjoni ta' Bio Diets, jiġifieri ma kinitx biss Bio Diets fl-Unjoni Ewropea kollha li applikat sabiex timporta s-CXL Sugar taħt l-*order number* 09.4321. Spjega illi li kieku kien hekk, il-*co-efficient* tal-allokazzjoni relatata ma' din l-applikazzjoni kien ikun ta' 100% u mhux ta' 8.298755%, u f'każijiet bħal dawn l-importatur ikun jaf kemm hemm prodott allokat mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi impurtat bla dazju, tant hu hekk li f'dan il-każ l-applikazzjoni ta' Bio Diets kienet għal 100% tal-allokazzjoni.

11. Xhud ieħor, **Clint Farrugia**, *senior principal* fil-*front office* li huwa parti mill-Aġenzija tal-Pagamenti, spjega li d-deċiżjoni finali dwar forza maġġuri kienet tittieħed minn Charlo Camilleri. Ix-xhud qal li minkejja li huwa minnu li l-Kummissjoni kienet tinsisti li l-liċenzji jkunu ttajpjati, il-liċenzji kienu joħorġu

miktuba bl-idejn, u ħadd mill-importaturi ma kellu problema b'dan. Qal li preċedentement, anki s-soċjetajiet rikorrenti kienu nħarġulhom liċenzji miktuba bl-idejn, u qatt qabel ma kellhom problemi.

12. **Christian Ducarre**, kap tat-taqsima tal-konformità mal-liġijiet Ewropej fil-kumpannija ED & F Man, li hija kumpannija li timporta, tesporta u tqassam iz-zokkor madwar id-dinja, xehed li l-kumpannija rappreżentata minnu bdiet tixtri z-zokkor mingħand is-soċjetajiet rikorrenti. Qal li bejn l-Indja u l-Ewropa hemm ftehim dwar l-importazzjoni ta' għaxart elef tunnellata zokkor fis-sena bejn Ottubru u Settembru tas-sena ta' wara. Qal li f'dan il-każ kien hemm problema għaliex il-liċenzji ħarġu bil-miktub minflok ġew ittajpjati, u kull darba li l-liċenzji kienu jinħarġu b'dan il-mod, kienet tinqala' problema mal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jkun.

13. **Charles Wallbank** xehed li huwa jaħdem bħala *head of real estate operations and policy* mal-FIMBank plc, u qal li fiż-żmien inkwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' *head banking operations.* Qal li l-garanziji li nħarġu fuq is-soċjetajiet rikorrenti kienu kollha *on demand guarantees* u għalhekk kienu pagabbli immedjatament kif issir it-talba għall-ħlas. Qal li l-bank ma kellu l-obbligu jagħmel l-ebda verifika, u l-unika ħaġa li kellu jagħmel il-bank kienet li jħallas l-ammonti garantiti hekk kif ikollu talba għall-ħlas mingħand l-aġenzija intimata.

14. **Michael Debono** in rappreżentanza tas-soċjetajiet rikorrenti, xehed li s-soċjetajiet rikorrenti kienu kollha jixtru z-zokkor mingħand l-istess kumpannija,

jiġifieri mingħand Pure Diet India Limited. Qal li din il-kumpannija kienet tixtri kwantitajiet kbar ta' zokkor mingħand diversi fornituri tal-prodott, u kienet tieħu ħsieb torganizza x-xiri u l-esportazzjoni skont l-esiġenzi tal-klijenti tagħha. Qal li z-zokkor qatt ma kien jidħol Malta fiżikament, iżda kien jiġi impurtat lejn l-Unjoni Ewropea. Qal li l-aġenzija intimata kienet toħroġ il-liċenzja f'isem waħda mis-soċjetajiet rikorrenti, u s-soċjetajiet rikorrenti kollha kienu jikkuntattjaw lill-klijenti barra minn Malta u jinfurmawhom bil-volum li jkollhom skont il-liċenzja. Qal li f'dan il-każ ir-rikorrenti kellhom klijent wieħed biss, ED & F Man, u jekk id-dwana fil-pajjiż ikkonċernat kienet tara li l-liċenzja hija valida, kienet tawtorizza l-importazzjoni taz-zokkor mingħajr il-ħtieġa tal-ħlas ta' dazju. Qal li l-AGRIM *licence* tagħti l-fakoltà li wieħed jimporta mingħajr ħlas ta' dazju, u mingħajr dik il-liċenzja wieħed xorta jista' jimporta, iżda jkollu jħallas id-dazju relattiv. Kompla jgħid li l-ftehim tas-soċjetajiet rikorrenti ma' Pure Diet India Limited huwa wieħed miftuħ, fis-sens li r-rikorrenti jinfurmaw lil Pure Diet India Limited kemm-il tunnellata ta' zokkor ikollhom bżonn, u dawn jieħu ħsieb jibagħtuhom. Qal li f'dan il-każ il-problema li nqalgħet kienet li min ried jixtri mingħand is-soċjetajiet rikorrenti deherlu li l-liċenzja ma kinitx waħda valida għaliex kienet miktuba bl-idejn minflok ittajpjata. Qal li kien għalhekk li dawn ma ridux jixtru z-zokkor mingħand ir-rikorrenti. Spjega li l-valur taz-zokkor involut f'dan in-negozju kellu valur fis-suq ta' madwar għaxar miljun Euro, u għalhekk huma ma ridux jieħdu riskju, kemm għaliex id-dwana setgħet ma taċċettax din il-liċenzja, u għalhekk setgħu jkunu kostretti jħallsu d-dazju, kif ukoll kien hemm ir-riskju li d-dwana titlob id-*demurrage fees* li huma sostanzjali wkoll. Qal li minħabba li kien hemm dawn ir-riskji, id-direttur tas-soċjetajiet rikorrenti ddeċieda li ma jimpurtax iz-zokkor

inkwistjoni u informa b'dan lill-aġenzija intimata. Qal li kien għalhekk li s-soċjetajiet rikorrenti insistew li jingħataw verżjoni dattilografata tal-liċenzja, u saħansitra offrew li jittajpjaw id-dokumenti huma. Ix-xhud qal li s-soċjetajiet rikorrenti applikaw għal forza maġġuri għaliex kien hemm strajk fil-portijiet Indjani. Qal li l-ewwel applikaw għal estensjoni ta' sitt xhur, u wara ġew infurmati li d-data tal-iskadenza tal-liċenzja kienet ser tinbidel mill-aħħar ta' Diċembru sal-aħħar ta' Jannar 2014. Qal li l-istrajk li kien hemm fl-Indja affettwa l-importazzjoni li kienu ser jagħmlu s-soċjetajiet rikorrenti. F'udjenza sussegwenti, ix-xhud speċifika li l-iskadenza tal-liċenzja ġiet korretta u minn Diċembru 2013 ġiet taqra l-aħħar ta' Jannar 2014. Qal li bil-liċenzja miktuba bl-idejn huma xorta ppruvaw jimpurtaw iz-zokkor kif ippjanat, minkejja li fil-bidu weħlu minħabba fl-istrajk, u aktar tard il-klijenti tagħhom infurmawhom li kienu qegħdin jibżgħu jieħdu r-riskju bil-liċenzja miktuba bl-idejn. Qal li z-zokkor xorta waħda seta' jiġi impurtat, bid-differenza li f'każ li l-liċenzja ma titqiesx li hija valida, kellu jitħallas id-dazju fuq il-prodott impurtat. Qal ukoll li z-zokkor inkwistjoni baqa' qatt ma ġie impurtat. Aktar tard ix-xhud speċifika li l-awtorità li kienet tieħu ħsieb l-esportazzjoni taz-zokkor mill-Indja, li kien jisimha 'ISEC', kellha l-problemi u għalhekk ma kinitx ħarġet il-liċenzji għall-esportazzjoni tal-prodott mill-Indja. Qal ukoll li fil-fatt f'Settembru ta' dik is-sena kienet saret talba lill-aġenzija intimata bbażata fuq il-forza maġġuri, u minkejja li l-liċenzji kienu ttajpjati, dawn xorta waħda ma ntużawx. Qal ukoll li z-zokkor relatat ma' dawn il-liċenzji qatt ma ġie impurtat fl-Ewropa jew esportat mill-Indja.

**Il-lodo arbitrali appellat**

15. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fl-10 ta' Diċembru, 2019, l-Arbitru ddeċieda li l-aġenzija intimata hija responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti, u dan għaliex: il-liċenzji AGRIM maħruġa lis-soċjetajiet rikorrenti huma invalidi billi ġew maħruġa bl-idejn minflok ġew ittajpjati; l-aġir tal-aġenzija intimata, *inter alia* li ħarġet il-liċenzji bil-kitba bl-idejn u ħarġet il-liċenzji validi sal-aħħar ta' Diċembru, 2013 minflok sal-aħħar ta' Jannar, 2014, għamilha impossibbli legalment u fattwalment biex is-soċjetajiet rikorrenti jottemporaw ruħhom mal-obbligi imposti fuqhom skont il-liġi għall-importazzjoni taz-zokkor inkwistjoni; l-aġenzija intimata imxiet b'mod abbużiv u mingħajr ġustifikazzjoni legali meta talbet u ottjeniet mill-FIMBank is-somom garantiti fl-ammont ta' €165,975.20; konsegwenza ta' dan l-aġir is-soċjetajiet rikorrenti sofrew danni, u għalhekk ordna lill-aġenzija intimata tħallas lis-soċjetajiet rikorrenti danni likwidati fl-ammont ta' €165,975.20, bl-imgħax ta' €16,597.52 lis-soċjetajiet rikorrenti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi għandu jingħad mill-bidu nett illi t-talba għall-kundanna tal-Aġenzija intimata għad-danni fl-ammont imsemmi fl-istess talbiet u ċioe fis-somma ta' €165,975.20 hija ppernjata fuq il-fatt jekk l-istess Tribunal isibx li l-istess Aġenzija intimata ħarġitx liċenzji invalidi meta l-istess liċenzji kienu mimlija bil-kitba flok ma ġew ittajpjati. Dan il-fatt huwa l-qofol tal-vertenza u minn deċiżjoni f'dan ir-rigward jiskaturaw il-konsegwenzi kollha legali.*
>
> *Illi skont l-artikolu 17 (5) tar-Regulation 376/2008 insibu illi: "*Applications, licences and certificates and extracts **shall be** completed in typescript or by computerised means. They shall be printed and completed in one of the official languages of the Community, as specified by the competent authorities of the issuing Member State.

**However, Member States may allow applications only to be hand-written in ink and in block capitals.**"

*Minn qari ta' dan l-Artiklu isegwi illi hija tassattiva illi l-liċenzji kellhom ikunu ttajpjati u mhux miktuba bl-idejn. Isegwi wkoll illi setgħu jkunu miktuba bl-idejn bil-linka u f'ittri kbar, u mhux neċessarjament ittajpjati, biss l-applikazzjonijiet. Dawn iż-żewġ fatturi huma importantissimi sabiex tiġi riżolta din il-pendenza skont il-liġi u bil-ħaqq.*

*Mhux kontestat illi fattwalment il-liċenzji in kwistjoni, maħruġa mill-Aġenzija intimata, kienu fil-kalligrafija u mhux ittajpjati. Dan irriżulta abbundantement fil-kors tal-ġbir tal-provi u, del resto, huwa ammess mill-istess Aġenzija u jirriżulta* ictu oculi *ukoll. Ħadd ma jista' jmeri l-ovvju!*

*Ir-rikorrenti qed jikkontendu illi minħabba dan il-fatt, per se, kif hemm imniżżel fl-ewwel talba, il-liċenzji huma invalidi.*

*F'dan ir-rigward Michael Debono, in rappreżentanza tas-soċjetajiet rikorrenti, ippreżenta affidavit u fih spjega illi hekk kif is-soċjetajiet rikorrenti ingħataw il-liċenzji mill-Aġenzija intimata irriżulta immedjatament illi dawn kienu miktuba bl-idejn u ma kinux ittajpjati u indunaw ukoll illi d-data tal-applikazzjonijiet kienet 26 u mhux 3 ta' Settembru, 2013. Inoltre kienu datati 26 ta' Settembru meta fil-fatt marru jiġbruhom fil-15 ta' Ottubru, 2013. Kellhom żball ieħor u ċioe d-data tal-validità tal-istess liċenzji kienet imniżżla bħala dik tal-31 ta' Diċembru, 2013 meta fil-fatt kellha tkun tal-31 ta' Jannar, 2014 – iżda b'dan l-aħħar żball ma indunawx mill-ewwel.*

*Isegwi għalhekk illi dawn il-liċenzji, li kienu intiżi sabiex jiġu impurtati fl-Unjoni Ewropea għaxar miljun tunnellata zokkor, u għal liema liċenzji inħarġu garanziji bankarji ta' żewġ miljun euro (€2,000,000) kellhom aktar minn żball wieħed.*

*Immedjatament infetħet serje ta' korrispondenza mis-soċjetajiet rikorrenti mal-Aġenzija intimata iżda l-Aġenzija intimata rrifjutat li tissostitwixxi l-istess liċenzji b'oħrajn li kienu* "typed".

*Fil-21 ta' Novembru, 2013 – ara Dokument F – l-Aġenzija offriet li tagħti s-support kollu tagħha fl-eventwalità li r-rikorrenti jiltaqgħu ma' xi skoll mal-awtoritajiet tal-port ta' xi pajjiż ieħor. Ix-xhud ikompli jgħid,* "Hawnhekk wasalna għall-konklużjoni illi ma konna ser naslu imkien mal-Aġenzija intimata u għalhekk, in vista tal-fatt li xorta waħda kien ser ikun hemm il-ħtieġa li napplikaw għal estensjoni tal-liċenzji fuq bażi ta' *force majeure* iddeċidejna li temporanjament ma nibqgħux nissikkaw lill-Aġenzija intimata sabiex toħroġ il-liċenzji ittajpjati bit-tama li meta toħorġilna l-

estensjoni tagħmel hekk permezz ta' liċenzji ttajpjati jew inkella permezz tal-ħruġ ta' estratti ttajpjati."

*Illi fis-7 ta' Marzu, 2014 is-soċjetajiet rikorrenti ġew infurmati illi t-talba tagħhom, ibbażata fuq il-prinċipju tal-*force majeure, *ma ġietx milqugħa mill-Force Majeure Board u li għalhekk kien ser jibda l-proċess sabiex jintalab il-ħlas mill-bank fir-rigward tal-garanziji bankarji. Minn din id-deċiżjoni sar appell iżda qabel ma biss instema' dan l-appell, l-Aġenzija intimata għarrfet lill-Kummissjoni Ewropea illi kienet qed iċċedi l-kwota allokata lis-soċjetajiet rikorrenti u b'hekk ittieħdet deċiżjoni mill-Aġenzija qabel ma ingħatat id-deċiżjoni finali. Fis-7 ta' April, 2014 l-appell ġie miċħud.*

*Fil-paragrafu 23 et seq. tal-affidavit tiegħu Michael Debono kompla jisħaq fuq il-fatt ta' kemm kienu jiffaċċjaw problemi serji li kieku ttentaw jużaw il-liċenzji maħruġa lilhom bl-idejn.*

*Bjorn Callus, li fil-perijodu in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' EU Fund Officer u EU Fund Manager/Manager Common Market Organisation fi ħdan l-Aġenzija intimata (seduta 4 tal-21/12/2015) xehed hekk: "*Bil-fatt li l-liċenzja tinħareġ *hand-written* u mhux *typed* ma jinnewtralizzawx il-validità tagħha. Fil-fatt l-ebda importatur ma sab problema u ngħid ukoll illi li kieku kien hemm problemi ma kienx ikun jista' jsir ebda importazzjoni għax kif ġia għidt kollox kien *handwritten* u mhux *typed."*

*Huwa ppreżenta wkoll affidavit esebit bħala ARPA1 b'diversi dokumenti miegħu u fih (para. 10) hemm imniżżel hekk, "*fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-liċenzji kellhomx neċessarjament ikunu *typed* jew inkella setgħux ikunu miktuba bl-idejn ngħid illi għalkemm il-liġi tistipula illi għandhom ikun *typed* – u fil-każ odjern l-ARPA ħarġet il-liċenzji miktuba bl-idejn – la il-Kummissjoni Ewropea, la ebda importatur u lanqas ebda port ta' xi Stat membru ma sabu xi oġġezzjoni li tali liċenzji mhumiex *typed*. Tant hu hekk illi żgur mill-2007 u possibilment anke qabel, dawn il-liċenzji kienu dejjem jiġu miktuba bl-idejn u qatt ma kellna problemi. Is-soċjetajiet rikorrenti ġieli nħarġulhom liċenzji *typed* imma din kienet tkun fuq rikjesta tagħhom li kienet tkun saret mal-applikazzjoni."

*Xehed ukoll Clint Farrugia (seduta 5 tal-15/04/16) li qal hekk: "*Il-Kummissjoni tgħid illi l-liċenzji għandhom jinħarġu *typed*, però qabel ma ħloqna s-sistema li għandna bħalissa, wara dan il-każ, fejn allura l-liċenzji kollha qed jinħarġu *typed*, il-liċenzji li kienu jinħarġu kollha kienu jinħarġu bil-kitba, qatt ma kellna istruzzjonijiet mill-Kummissjoni li jridu joħorġu bil-fors dattilografati."

*Fis-seduta 8 (tal-24 ta' Jannar, 2017) l-istess Farrugia xehed, "*L-aħħar kjarifika li nixtieq nagħmel hija li l-Aġenzija għall-pagamenti bdiet taħdem biex il-liċenzji jibdew joħorġu *typed* qabel ma nqala' l-każ in kwistjoni. Meta l-liċenzji kienu joħorġu *handwritten* lis-soċjetà rikorrenti u lill-kumpanniji sussidjarji tagħha l-liċenzji kienu jintużaw fl-interezza tagħhom kollha mingħajr ebda problemi."

*Christian Ducarre, Head tal-EU compliance ma' "ED & F Man", xehed fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 2016 (Seduta 7) u għamilha ċara li huwa rrilaxxa l-ittra tat-8 ta' Mejju, 2014 (dok. 02) u fiha kkonferma illi kellhom problemi mal-fatt illi l-liċenzji kienu miktuba u mhux dattilografati. Kompla jgħid, "*there was always a problem with the Customs when they were handwritten and not typed. The consequence was delay in processing by the Department. The licences had a limited validity date and there were therefore consequences of delay because in that way they did not meet with the expiry dates of the licences. The only consequences that we met were with licences which were issued in Malta Customs were extremely careful with the issue of licences."

*Il-liċenzji kienu validi sal-31 ta' Jannar, 2014. Ġew esebiti erba' liċenzji oħra u ċioe dawk markati bħala XTR1 sa XTR4 u huma datati rispettivament 01/02/2012, 01/06/13, 01/07/13 u 20/03/09 u kollha kienu, maħruġa qabel il-liċenzja in kwistjoni. Ingħad illi dwar dawn l-erba' liċenzji, maħruġa kollha bil-kitba, ma nqala' ebda diffikultà u imxew bla ebda inkwiet ta' xejn. Dawn l-erba' liċenzji kollha nħarġu wara li kien* in vigore *r-Regolament li huwa l-pedament tal-ilment tas-soċjetajiet rikorrenti billi dan ir-Regolament iġib in-numru 376 tas-sena 2008 u ċioe ppubblikat qabel l-erba' liċenzji msemmija.*

*It-talba ta' Michael Debono in rappreżentanza tas-soċjetajiet rikorrenti għar-rikonsiderazzjoni kienet ġiet rifjutata b'mod definittiv fis-7 ta' April, 2013 – ara Dokument BC 24 anness mal-affidavit ta' Bjorn Callus. Is-soċjetajiet rikorrenti kienu a konoxxenza tal-kondizzjonijiet tal-garanziji bankarji u ċioe li kienu kollha jiskadu fit-3 ta' Settembru, 2014. Kienu jafu wkoll, għax del resto dawn inħarġu mill-bank tas-soċjetajiet rikorrenti nnifsu illi dawn il-garanziji kienu "*demand guarantees".

*Illi kien jinkombi lis-soċjetajiet rikorrenti illi jippruvaw, fuq bażi ta' probabbilità, illi bl-aġir tal-Aġenzija intimata huma batew danni.*

*Illi jirriżultaw ċerti żbalji, forsi anke ħoxnin, da parti tal-Aġenzija intimata bħal per eżempju illi d-data tal-applikazzjoni tal-liċenzja kienet tas-26 ta' Settembru, 2013, meta fil-verità dawn kienu datati l-1 ta' Settembru, 2013, iżda dawn l-iżbalji li*

*kkommettiet l-Aġenzija intimata ma humiex ta' dik l-entità li, waħedhom, iwasslu lill-Arbitru li jiddikjaraha responsabbli għad-danni.*

*Il-liċenzji li kellhom f'idejhom is-soċjetajiet rikorrenti fil-fatt qatt ma ntużaw minnhom biex jiġu impurtati l-kwantitajiet ta' zokkor hemm imniżżla. Għalhekk, in verità, kien hemm jew ma kienx hemm żbalji, ħoxnin jew mhux, għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' dawn il-proċeduri, huma periferali. Is-soċjetajiet rikorrenti ħassew illi ma kellhomx jagħmlu użu minnhom minħabba l-possibilità kbira reali li kien hemm, skonthom, illi l-istess importazzjoni ma tgħaddix.*

*Is-soċjetajiet rikorrenti riedu illi l-istess liċenzji maħruġa mill-Aġenzija intimata ikunu konformi mar-Regolament.*

*Għandu jingħad illi fil-fatt l-istess permessi jew aħjar liċenzji li ħarġet l-Aġenzija intimata kienet tintitola lis-soċjetajiet rikorrenti jimportaw iz-zokkor mingħajr ma jitħallas dazju u dan ai termini tal-applikazzjonijiet stess li huma kienu għamlu preċedentement. Iz-zokkor, però, fir-realtà dejjem seta' jiġi impurtat. Ma kien hemm xejn x'josta lis-soċjetajiet rikorrenti milli jimpurtaw iz-zokkor u jekk jeħlu u ċioe jiġu obbligati jħallsu d-dazju, għax ma kinux jiġu kunsidrati bħala* AGRIM compliant *kienu jagħmlu hekk u l-importazzjoni kienet tiġi esegwita.*

*Dana skontat, jibqa' l-fatt illi r-rieda tas-soċjetajiet rikorrenti kienet illi huma jimportaw iz-zokkor taħt is-sistema li għaliha applikaw u ċioe eżenti mill-ħlas tad-dazju. Kien għal dan illi huma ħarġu l-garanziji bankarji fl-ammont mhux żgħir ta' żewġ miljun euro (€2,000,000).*

*Is-soċjetajiet rikorrenti kienu jafu bil-garanziji bankarji għax kienu huma stess li ħarġuhom. Kienu jafu li jekk iz-zokkor ma kienx ser jiġi impurtat allura kien ser ikollhom konsegwenzi finanzjarji serji stante li kienu jiskattaw ċerti konsegwenzi finanzjarji, kif fil-fatt ġara.*

*Huwa risaput li sabiex persuna tista' tkun responsabbli għad-danni dawn iridu jiġu kawżati b'konsegwenza ta' aġir jew nuqqas ta' aġir li jikkawża l-istess danni.*

*L-artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet nostrani jgħid espressament hekk: "**kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu**." Mela biex tiskaturixxi responsabbilità, irid ikun hemm ĦTIJA, fi kliem ieħor aġir jew nuqqas ta' aġir noċiv minn xi ħadd.*

*Il-kodiċi tagħna jespandi fuq dan l-aspett u fl-artikolu 1032 jingħad hekk: "**jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**"*

*L-artikolu 1033 jistipula hekk: "***Kull min ... jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."**

*Illi kif ġie ritenut kostantement mill-qrati tagħna u kif ġie sintetikament pronunzjat fil-kawża fl-ismijiet: "George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi nomine", deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Marzu, 1962,* "mill-analiżi tal-istess dispożizzjoni tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (i) il-fatt dannuż illeċitu, (ii) l-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (iii) id-dannu kaġonat minn dak l-istess fatt."

*Isegwi, f'materja ċivili, illi din il-prova kellha titressaq mis-soċjetajiet rikorrenti stante li huma huma li qegħdin jallegaw nuqqasijiet mill-Aġenzija intimata. L-Aġenzija intimata ma kellha tagħmel xejn għajr li tilqa' għall-allegazzjonijiet imressqa kontra tagħha. Kien jispetta lis-soċjetajiet rikorrenti mhux biss li jipprovaw li batew danni iżda illi l-istess danni ġew kawżati b'tortijiet tal-Aġenzija intimata.*

*Illi huwa inkontrovertibbli illi l-kliem tar-Regolament jgħid espressament illi l-liċenzji jridu jinħarġu ttajpjati – dan joħroġ ċar mill-klawsola 17(5) tar-Regolament 376/2008. Irriżulta illi sa mill-31 ta' Ottubru, 2013 (dok. 01) is-soċjetajiet rikorrenti ġibdu l-attenzjoni tal-Aġenzija intimata li l-klijenti tagħhom, "*are not ready to purchase based on hand written licences. ... they think that we will encounter problems when custom clearing the sugar. Therefore can you please re-issue typed AGRIM licences in accordance with Clause 17 please?"

*L-Aġenzija intimata kellha kull opportunità li takkolji din it-talba. Irriżulta illi preċedentement l-Aġenzija intimata kienet diġà ħarġet, f'okkażjonijiet preċedenti, liċenzji ittajpjati. Kellha kull opportunità li tilqa' t-talba tas-soċjetajiet rikorrenti u tissostitwixxi l-istess liċenzji b'oħrajn li kienu konformi mar-Regulation 376/2008 hawn fuq appena riferut.*

*It-talba tas-soċjetajiet rikorrenti, apparti li ma kinitx waħda fiergħa, kienet ukoll konsonenti mal-istess Regolament hawn fuq riferut.*

*Kien dmir impost mil-liġi illi l-Aġenzija intimata timxi skrupolożament ma' dak impost fuqha mil-liġi u kwindi una volta li hija naqset minn dan l-obbligu u mitluba, tempestivament, tirripara għall-istess meta kellha kull ħin u fakoltà li tagħmel hekk naqset milli tonora l-obbligu tagħha għandhiex tirrispondi għall-ħsara li ġrat konsegwenza ta' dan il-fatt. L-Aġenzija intimata ma kellhiex għalfejn tiġi mitluba mis-soċjetà rikorrenti biex tirripara għall-iżball fondamentali tagħha. Kien dover tagħha, la hija naqset milli tonora kemm meta ħarġet il-liċenzji u forsi aktar meta*

*kienet għadha fi stat li toħroġ liċenzji korrettorji, u naqset, għax webbset rasha milli tagħmel hekk, illi taċċerta ruħha li l-aġir tagħha ma jħalli ebda possibilità ta' danni fuq ħaddieħor. Bil-fatt illi kien hemm okkażjonijiet preċedenti, skont ma xehdu Clint Farrugia u Bjorn Callus, illi l-Kummissjoni Ewropea għalqet għajnejha għall-fatt illi kien hemm liċenzji li nħarġu bil-kitba, ma kienx ifisser illi l-Kummissjoni Ewropea sejra tagħhmel hekk f'dan il-każ ukoll. Il-konsegwenzi li l-liċenzji ma kinux jiġu kkunsidrati validi kienu kbar.*

*Jingħad ukoll li l-istess Clint Farrugia jammetti illi l-Aġenzija intimata kienet bdiet toħroġ liċenzji ttajpjati qabel ma nqala' l-każ in kwistjoni iżda ma kinux għadhom waslu fi stadju illi l-liċenzji* <u>*kollha*</u> *joħorġu* typed. *Jippreċiża illi kien Luciano Chetcuti il-persuna inkarigata li ħejja t-*template *u ħadd ħliefu.*

*Meta xehed Luciano Chetcuti fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 (Seduta 12) huwa qal illi kien hu il-persuna konċernata li ħejja t-*template *in kwistjoni u li huwa irtira mis-servizz fl-2012. Hu qal hekk, "*Xhur sewwa qabel ma tlaqt kont ħlaqt template biex ix-xogħol (formuli tal-liċenzji) jimtela bil-*computer* u mhux *handwritten*. Għala dan ix-xogħol, mertu ta' dawn il-proċeduri, saru *handwritten*, mhux kapaċi ngħid billi kont ġia tlaqt fiż-żmien, mertu ta' dawn il-proċeduri."

*Minn dan isegwi illi allura in kwantu jirrigwarda l-każ in kwistjoni, l-istess liċenzji setgħu faċilment inħarġu kompjuterizzati stante li kien kollox lest biex dan ix-xogħol joħroġ b'dan il-mod. Għala l-istess Aġenzija intimata webbset rasha u rrifjutat, ripetutament, illi tikkonsentixxi għat-talba tas-soċjetajiet rikorrenti li toħroġ liċenzji sostituttivi u konformi mal-liġi, ladarba l-ewwel darba kienu ħarġu kif ħarġu, huwa inspjegabbli.*

*Wieħed hawn ma jistax ma jissottolineax ukoll il-fatt allegat minn Michael Debono meta xehed fis-seduta tas-26 ta' Ġunju, 2018 (Seduta 13) meta xehed hekk:* "aħna għalhekk tlabna illi jkun hemm sostituzzjoni tal-liċenzji *handwritten* b'verżjoni dattilografata u b'hekk il-kwistjoni kienet tiġi riżolta. Offrejna ukoll, saħansitra illi nagħmlu t-*typing* aħna. L-istess offerti ġew rifjutati u dan għar-raġuni illi ma għandhomx *the technical capacity and resources li* jagħmluhom. Qalulna illi messna tlabnihom li jkunu *typed* qabel ma ħarġuhom. Hawn nagħmel riferenza partikolari għal email mibgħuta mid-direttur tagħna lil Bjorn Callus tal-21/11/13 annessa mal-affidavit tiegħi. F'dan l-email aħna tlabna illi s-soċjetà intimata toħroġ estratt li jkun *typed* – u anke dan ġie rifjutat. B'dan l-estratt aħna konna qegħdin naqilgħu parti mill-konsenja dovuta lil destinatarju partikolari. Din il-proposta ma kinitx ġiet milqugħa u ma ngħatajniex raġuni għala ġiet rifjutata." *F'dan kollu li qal bil-*

*ġurament Michael Debono ma ġie kontradett minn ħadd da parte tal-Aġenzija intimata u lanqas ma inġiebu xi provi li jikkontradiċu dak li qal.*

*L-Aġenzija intimata tissottometti illi s-soċjetajiet rikorrenti naqsu milli jidentifikaw in-natura tad-danni li qegħdin jitolbu. Tkompli tissottometti illi,* "hawn si tratta ta' każ fejn is-soċjetajiet rikorrenti applikaw minn rajhom għal-liċenzji, l-esponenti ħarġet liċenzji lis-soċjetajiet rikorrenti u liema liċenzji ġew aċċettati mis-soċjetajiet rikorrenti mingħajr ebda kundizzjoni jew riserva. Is-soċjetajiet rikorrenti ma kinux obbligati illi jissottomettu applikazzjonijiet għal-liċenzji u lanqas ma kienu obbligati li jaċċettaw il-liċenzji. Dan għamluh minn rajhom u bil-konsapevolezza tar-reġim legali li kien jiggverna tali liċenzji. Fil-mument li huma aċċettaw il-liċenzji, huma aċċettaw il-fatt illi kienu miktubin bl-idejn u aċċettaw il-fatt illi huma kellhom jaderixxu ruħhom ma' dak stipulat fir-Regolament 376/2008 primarjament illi jimpurtaw iz-zokkor sad-data stipulata." *Dan huwa, f'ċerti rigwardi, bir-rispett kollu, sempliċistiku ż-żejjed.*

*Illi huwa stat ta' fatt illi s-soċjetajiet rikorrenti applikaw għal-liċenzji għax riedu huma. Ħadd ma obbligahom jagħmlu dan. Bil-fatt illi huma kienu obbligati li jaderixxu ruħhom ma' dak stipulat fir-Regolament 376/2008, kif del resto jidher li huma għamlu, similment illi l-Aġenzija intimata kienet daqstant ieħor obbligata li timxi skrupolożament mal-istess Regolament. L-Aġenzija intimata hija marbuta li timxi mal-liġi daqs kemm huma tenuti li jagħmlu dan is-soċjetajiet rikorrenti.*

*Ir-Regolament jgħid illi wieħed jista' japplika u jimla l-applikazzjoni bil-kalligrafija iżda jistipula "**<u>shall</u>**" – kwindi hija tassattiva – illi l-liċenzja tinħareġ ittajpjata. Isegwi, allura, illi l-Aġenzija intimata kienet tenuta/obbligata li tonora l-parti tagħha tal-istess liġi li hija stess qed tinvoka in difiża tagħha. L-Aġenzija intimata ma għandhiex u ma tistax tinvoka liġi kif u meta jaqbel lilha. Il-liġi hija ugwali għal kulħadd.*

*Mhux biss, iżda irriżulta wkoll illi l-Awtorità intimata infurmat lill-Unjoni Ewropea li kienet qed iċċedi l-kwota allokata lis-soċjetajiet rikorrenti <u>qabel</u> ma kien konkjuż il-każ stante li l-Aġenzija intimata għarrfet lill-Unjoni Ewropea qabel ma ngħatat deċiżjoni għat-talba tar-rikonsiderazzjoni li kienu għamlu s-soċjetajiet rikorrenti. Dan ċertament illi l-Aġenzija intimata ma setgħetx tagħmlu.*

*Is-soċjetajiet rikorrenti, kuntrarjament għal dak sottomess mill-Aġenzija intimata, ma setgħux jirrifjutaw il-liċenzji kif maħruġa (u ċioe* hand-written*) għax altrimenti kien ikollhom konsegwenzi serji fil-konfront tagħhom. Hekk kif irrealizzaw li kien hemm dan l-iżball, fost żbalji oħra li rriżultaw fl-istess liċenzji, is-soċjetajiet rikorrenti*

*immedjatament talbu, ripetutament, biex ma jingħadx "tkarrbu", sabiex l-Aġenzija intimata tissostitwixxi l-istess liċenzji b'oħrajn ittajpjati.*

*Kienet l-Aġenzija intimata li webbset rasha u rrifjutat kull invit sabiex dan isir. Imbagħad bħallikieku biex tipplaka lis-soċjetajiet rikorrenti, fl-aħħar, hija offriet li tissuporta lis-soċjetajiet rikorrenti fl-eventwalità li jinqala' xi inkwiet f'xi port.*

*Din l-istess offerta ta' għajnuna hija, fiha nfisha, ammissjoni (almenu indiretta) li hija ppekkat fid-doveri tagħha. Hija messha, immedjatament hekk kif inġibditilha l-attenzjoni li ħarġet liċenzji bil-kalligrafija, flok ma kif tesiġi l-liġi – preċiżament Regulation 376/2008 – hija messha adempiet mad-doveri tagħha. Messha ħarġet liċenzji sostituttivi għal dawk li kienet ħarġet kontra l-liġi.*

*Hija għalhekk il-fehma tal-arbitru li l-Awtorità intimata ħarġet liċenzji mhux skont ma jesiġi r-Regolament in kwistjoni.*

*Kwantu imbagħad għall-ammont tad-danni, wieħed ma għandux bżonn ifettaq iż-żejjed – l-Aġenzija intimata qabdet u kif kellha kull dritt li tagħmel, talbet lill-bank konċernat sabiex jonora l-garanziji li kellha favur tagħha. Il-Bank ma setax jissindika tali rikjesta u s-soċjetajiet rikorrenti lanqas ma setgħu jwaqqfu lill-bank milli jonora l-obbligu tiegħu stante li huma kienu ffirmaw favur dak il-ħlas.*

*Il-bank ħallas u ddebita lis-soċjetajiet rikorrenti bl-ammont korrispettiv fis-7 ta' Awwissu, 2014 u dan skont ma xehed Charles Wallbank in rappreżentanza tal-Fimbank plc.*

*Isegwi għalhekk illi d-danni kaġunati lis-soċjetajiet rikorrenti huwa l-ammont ta' €165,975.20 bl-imgħax mid-data tal-ħlas u ċioe mis-7 ta' Awwissu, 2014 sal-ġurnata tal-effettiv pagament.*

*Għal dawn il-motivi għalhekk l-Arbitru jiddisponi minn dawn il-proċeduri billi jsib illi l-Aġenzija intimata hija responsabbli fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti kollha għad-danni u dan stante illi (1) jiddikjara illi l-liċenzji AGRIM riferuti fil-permessi maħruġa lis-soċjetajiet rikorrenti huma invalidi għaliex ġew maħruġa bl-idejn minflok ittajpjati u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Kummissjoni numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008; (2) jiddikjara illi l-aġir tal-Aġenzija intimata, fosthom,* inter alia*, l-iżball li ħarġet il-liċenzji miktuba bl-idejn (minflok ittajpjati) u l-iżball li ħarġet il-liċenzji validi sal-31 ta' Diċembru, 2013 minflok 31 ta' Jannar, 2014, għamlitha impossibbli legalment u fattwalment sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jadempixxu ruħhom mal-obbligazzjonijiet imposti fuqhom skont il-liġi għall-importazzjoni taz-zokkor in kwistjoni (3) jiddikjara illi l-Aġenzija intimata aġixxiet b'mod abbużiv u mingħajr ġustifikazzjoni legali meta talbet u ottjeniet minn Fimbank plc il-ħlas tas-*

*somom garantiti li ammontaw fit-total għal €165,975.20 (4) jiddikjara għalhekk illi b'konsegwenza ta' dan l-aġir is-soċjetajiet rikorrenti sofrew danni konsistenti fit-telf tas-somma totali ta' €165,975.20 (5) jiddikjara illi l-Aġenzija intimata hija unikament responsabbli għal dawn id-danni u (6) konsegwentement jordna illi l-Aġenzija intimata tħallas lis-soċjetajiet rikorrenti, fl-ammonti rispettivament dovut lilhom, id-danni likwidati fis-somma ta' €165,975.20 apparti l-imgħax u aktar preċiżament is-somma ta' sittax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€16,597.52) lil kull waħda mis-soċjetajiet rikorrenti, bl-imgħax kalkolabbli mis-7 ta' Awwissu, 2014 sal-ġurnata tal-effettiv pagament.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-istess Aġenzija intimata għandha tħallas l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-proċeduri."*

**L-Appell**

16. L-Aġenzija intimata ressqet l-appell tagħha mil-lodo arbitrali appellat fit-23 ta' Diċembru, 2019, fejn qalet li ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni preliminari kif ukoll mid-deċiżjoni finali fl-ismijiet premessi datati 24 ta' Awwissu, 2015 u 10 ta' Diċembru, 2019 rispettivament mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ, u talbet it-tħassir tal-imsemmija sentenzi kif spjegat fit-talba fl-aħħar tar-rikors tal-appell:

*"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni arbitrali appellata mogħtija mill-Onorabbli Tribunal tal-Arbitraġġ fl-10 ta' Diċembru, 2019 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetajiet appellati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati."*

17. Fl-ewwel lok, l-aġenzija appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Tribunal għaliex fil-fehma tagħha dan ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' l-vertenza odjerna. F'dan ir-rigward spjegat li l-arbitraġġ jista' jkun volontarju jew inkella mandatorju, u fil-każ odjern il-partijiet istitwew il-

proċeduri odjerni bħala arbitraġġ mandatorju kif jirriżulta mill-Avviż tal-Arbitraġġ. Qalet li t-Tribunal iddikjara ruħu kompetenti li jisma' din it-tilwima abbażi tar-Regolament 13(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 li jgħid hekk:

> "13(1) Kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmulin lill-Aġenzija għall-Pagamenti għandha tiġi riżolta permezz ta' arbitraġġ u għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ kif hemm fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Arbitraġġ fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' meta persuna tkun ġiet mgħarrfa mill-Aġenzija għall-Pagamenti bid-deċiżjoni tagħha jew mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tagħha skont il-każ, u ma tista' tinġieb ebda azzjoni kontra l-Aġenzija għall-Pagamenti wara li jiskadi dak iż-żmien."

L-aġenzija appellanta qalet li f'dan il-każ, dak li qiegħed jiġi mitlub mis-soċjetajiet appellati jeżorbita dak indikat fir-Regolament 13(1) hawn fuq imsemmi, u dan peress illi hawn *non si tratta* ta' tilwima li tirriżulta minn talba magħmula lill-Aġenzija għall-Pagamenti, iżda minn deċiżjoni meħuda mill-aġenzija appellanta abbażi tar-Regolament 376/2008 tal-Unjoni Ewropea. L-aġenzija appellanta qalet li s-soċjetajiet appellati qegħdin jitolbu interpretazzjoni tar-Regolament 376/2008, dwar jekk il-liċenzji maħruġa mill-appellanti taħt ir-Regolament 376/2008 humiex validi jew le. Qalet li l-appellati jgħidu li l-liċenzji miktubin bl-idejn huma invalidi, u għalhekk l-appellati sabu ruħhom fl-impossibilità li jimpurtaw iz-zokkor fiż-żmien indikat fil-liċenzja, u għalhekk ma kellux isegwi li l-garanziji bankarji jiġu rtirati. L-aġenzija appellanta qalet li dan ma jikkostitwixxix tilwima li tirriżulta minn talba magħmula lilha kif jistipula r-Regolament 13 iċċitat. L-appellanta qalet li bħala aġenzija hija għandha l-funzjoni li tqassam fondi tal-Unjoni Ewropea intiżi għall-użu minn bdiewa u raħħala, u meta persuna tagħmel talba għall-fondi u din ma tiġix milqugħa, din tista' tiġi kkontestata permezz ta' arbitraġġ

mandatorju abbażi tar-regolament 13(1) imsemmi. Żiedet tgħid li dan ir-regolament ma jikkontemplax każ bħal dak odjern. Kompliet tgħid li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda talba jew *claim* magħmula mis-soċjetajiet appellati lill-aġenzija appellanta, kif anki kkonferma Charlo Camilleri fix-xhieda tiegħu. L-aġenzija appellanta qalet li d-deċiżjoni tal-irtirar tal-garanzija bankarja ma tteħditx abbażi ta' talba magħmula mill-appellati, iżda ttieħdet abbażi tat-tħaddim tar-Regolament Ewropew u abbażi tal-artikolu 34 tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea numru 376/2008.

18. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-aġenzija appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-fatt waħdu li l-liċenzji ma ġewx ittajpjati imma kienu miktuba bl-idejn, jagħmel il-liċenzji invalidi. Qalet li għalkemm huwa minnu li r-Regolament Ewropew 376/2008, partikolarment l-artikolu 17(5), jistipula illi l-liċenzji għandhom jimtlew b'tipa ttajpjata jew permezz ta' mezzi komputerizzati, il-fatt illi f'dan il-każ d-dokumenti imtlew bl-idejn, ma jwassalx awtomatikament għan-nullità ta' dawn il-liċenzji. Qalet li mkien fir-Regolament Ewropew iċċitat ma jissemma l-fatt illi f'każ li l-liċenzji jimtlew bl-idejn, dawn għandhom jitqiesu li huma nulli, jew li f'dan il-każ speċifiku l-konsenja taz-zokkor li kellu jiġi impurtat weħlet f'xi port minħabba li l-liċenzji kienu miktubin bl-idejn. Kompliet tgħid li għalkemm huwa minnu li l-iskop tar-Regolament Ewropew huwa li s-sistemi kompjuterizzati gradwalment jieħdu post il-kitba tad-data b'mod manwali, madanakollu dan mhux xi rekwiżit *ad validitatem* sabiex liċenzja titqies li hija valida. L-aġenzija appellanta kompliet tgħid li mill-provi jirriżulta li minkejja li miktubin bl-idejn, il-liċenzji AGRIM dejjem ġew utilizzati mill-importaturi, inkluż mis-soċjetajiet

appellati, u ma kien hemm l-ebda istanza fejn dawn il-liċenzji ġew meqjusa nulli jew invalidi jew ma ġewx aċċettati. Qalet li s-soċjetajiet appellati ġabru u aċċettaw il-liċenzji oriġinali mingħajr ebda protest jew riserva u użawhom meta tefgħu l-offerta sabiex jixtru 8,298 tunnellata ta' zokkor. Kompliet tgħid illi li kieku l-appellati tassew emmnu li dawn il-liċenzji kienu invalidi, ma kinux ser jagħmlu użu minn dawn il-liċenzji biex jitfgħu l-offerta tagħhom. Qalet li għalhekk it-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li dawn il-liċenzji kienu invalidi.

19. Fit-tielet aggravju tagħha l-aġenzija appellanta tgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta sab lill-aġenzija appellanta responsabbli għall-fatt li s-soċjetajiet appellati ma setgħux jimpurtaw iz-zokkor. Qalet li minn imkien mill-provi ma jirriżulta ness bejn l-aġir tal-aġenzija appellanta u n-nuqqas tal-appellati li jimpurtaw iz-zokkor sal-31 ta' Jannar, 2014. Kompliet tgħid li skont ix-xhieda ta' Bjorn Callus, la l-Kummissjoni Ewropea, la l-importatur u lanqas xi port ta' xi Stat Membru ma sabu oġġezzjoni għall-fatt li l-liċenzji ma kinux ittajpjati. L-aġenzija appellanta qalet li mill-2007 u possibilment anki minn qabel, dawn il-liċenzji dejjem kienu jinkitbu bl-idejn. L-appellanta qalet li skont ix-xhieda kemm Bjorn Callus kif ukoll Clint Farrugia, jirriżulta li kien hemm importaturi li għamlu użu minn liċenzji miktuba bl-idejn, u ma kellhom l-ebda problema f'dan ir-rigward. Qalet li anki fir-rigward ta' dak li xehed Michael Debono, li qal li kien hemm episodju wieħed fejn l-importazzjoni weħlet fil-port ta' Antwerp, l-importazzjoni li għamel riferiment għaliha dan ix-xhud kienet weħlet mhux għaliex il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn, imma għal raġunijiet differenti. L-appellanta qalet li anki x-xhud Luciano Chetcuti, li kien

prodott mis-soċjetajiet appellati stess, ikkonferma li qatt ma kien hemm problemi għaliex il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn minflok ittajpjati. Qalet li l-uniku xhud prodott mis-soċjetajiet appellati f'dan ir-rigward, kien Christian Ducarre, li kien jokkupa l-kariga ta' kap tal-*EU Compliance* mas-soċjetà ED & F Man, kumpannija li kienet tixtri z-zokkor mingħand is-soċjetajiet appellati. Kien dan ix-xhud li qal li kien ikun hemm problemi mal-awtoritajiet tad-dwana kull meta l-liċenzji kienu jkunu miktubin bl-idejn. L-aġenzija appellanta qalet li dan ix-xhud però kien qiegħed jitkellem dwar l-esperjenzi tiegħu b'mod ġenerali u mhux dwar il-każ speċifiku. L-aġenzija appellanta qalet li filwaqt li huwa minnu dak li qal it-Tribunal, li l-fatt li qatt ma nqalgħu problemi għaliex il-liċenzji jkunu miktuba bl-idejn, ma jfissirx li qatt mhuma ser jinqalgħu problemi, f'dan il-każ is-soċjetajiet appellati lanqas biss ippruvaw jagħmlu użu mil-liċenzji u għalhekk ma jistax jintqal li l-importazzjoni taz-zokkor f'dan il-każ ma rnexxietx għax il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn. L-aġenzija appellanta qalet li f'dan il-każ is-soċjetajiet appellati ma ġabu l-ebda prova li fil-fatt huma ma rnexxilhomx jimpurtaw din il-konsenja partikolari taz-zokkor għax il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn. L-aġenzija appellanta qalet li min-naħa tagħha hija ressqet provi kuntrarji għal dak allegat mill-appellati, jiġifieri li qatt ma kien hemm problemi bl-importazzjoni minħabba li l-liċenzji kienu miktuba bl-idejn.

20. B'riferiment għall-allegat żball dwar il-perijodu ta' validità, jiġifieri dwar il-fatt li d-data tal-iskadenza kellha tkun sal-31 ta' Jannar, 2014 u mhux sal-31 ta' Diċembru, 2013, l-aġenzija appellanti tgħid li l-liċenzji nħarġu fis-26 ta' Settembru, 2013, u s-soċjetajiet appellati ġew infurmati li setgħu jiġbru l-liċenzji tagħhom fil-15 ta' Ottubru, 2013. Kompliet tgħid li oriġinarjament

huma kellhom sal-31 ta’ Diċembru, 2013 biex jimpurtaw iz-zokkor. Qalet li kienu l-appellati stess li qalu li t-traġitt mill-Indja sal-Ewropa jieħu madwar xahar, u dan ġie kkonfermat ukoll minn Michael Debono fix-xhieda tiegħu. Qalet li għalhekk is-soċjetajiet appellati kellhom biżżejjed żmien biex jimpurtaw iz-zokkor, u l-kwistjoni dwar jekk il-liċenzja hijiex valida sal-31 ta’ Diċembru, 2013 jew sal-31 ta’ Jannar, 2014, qajla kienet ser tagħmel differenza. L-aġenzija appellanta kompliet tgħid li hekk kif l-appellati talbu li l-liċenzji jiġu estiżi sal-aħħar ta’ Jannar, 2014, hija mill-ewwel estendiet il-perijodu ta’ validità tal-liċenzji, u għalhekk ma ġie kkawżat l-ebda preġudizzju għas-soċjetajiet appellati għaliex sal-mument li ġew estiżi l-imsemmija liċenzji, huma setgħu jaħdmu bil-liċenzji kif maħruġa oriġinarjament u ma kien hemm l-ebda impediment għall-importazzjoni taz-zokkor. L-aġenzija appellanta qalet li f’dan ix-xenarju, Tarek Mamlouk, għan-nom tas-soċjetajiet appellati, fl-4 ta’ Diċembru, 2013 kien intavola applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta’ forza maġġuri, u dan bl-iskop li jingħata estensjoni ta’ sitt xhur, u din it-talba dwar forza maġġuri saret minkejja li l-liċenzji kienu għadhom miktubin bl-idejn. Qalet li dan ikompli juri kemm verament l-importazzjoni taz-zokkor setgħet issir minkejja li l-liċenzji kienu miktubin bl-idejn. L-aġenzija appellanta qalet li huwa kontradittorju li l-appellati filwaqt li qegħdin jgħidu li huma ma rnexxilhomx jimpurtaw iz-zokkor minħabba nuqqasijiet tal-Aġenzija, min-naħa l-oħra dawn intavolaw talba dwar forza maġġuri minħabba strajk li laqat lill-port fl-Indja. Qalet li kieku l-problema verament kienu l-liċenzji miktuba bl-idejn jew il-perijodu ta’ validità tal-istess liċenzji, ma kienx ikun hemm lok għal talba għal dikjarazzjoni ta’ forza maġġuri, għaliex is-soċjetajiet appellati ma setgħux joperaw fi kwalunkwe każ. L-aġenzija appellanta qalet li d-deċiżjoni tagħha li

tirrifjuta t-talba għall-estensjoni abbażi ta' forza maġġuri, qatt ma ġiet ikkontestata, u lanqas ma kien hemm xi talba f'dawn il-proċeduri dwar din id-deċiżjoni. L-aġenzija appellata qalet li l-proċeduri odjerni lanqas ma kienu maħsuba biex jattakkaw dik id-deċiżjoni, u ma hemm l-ebda talba biex dik id-deċiżjoni tiġi annullata.

21. Ir-raba' aggravju tal-aġenzija appellanta huwa li t-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li l-aġenzija appellanta hija responsabbli għad-danni pretiżi mis-soċjetajiet appellati. Qalet li m'hemm l-ebda ness bejn l-aġir tal-aġenzija appellanta u l-fatt li s-soċjetajiet appellati ma rnexxilhomx jimpurtaw iz-zokkor, u għalhekk it-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li l-aġenzija appellanta hija responsabbli għad-danni pretiżi mill-appellati. L-aġenzija appellanta qalet li s-soċjetajiet appellati naqsu milli jippruvaw li kien l-aġir tagħha li wassalhom biex ma jirnexxilhomx jimpurtaw iz-zokkor. Qalet li mill-provi rriżulta li bil-liċenzji jew mingħajrhom, iz-zokkor xorta waħda seta' jiġi impurtat, u seta' jiġi impurtat fil-ħin, bl-unika differenza tkun li jekk wieħed ikollu liċenzja, ikun jista' jiffranka l-ħlas tad-dazju. Kompliet tgħid li f'dan il-każ il-kwistjoni tad-dazju ma qamitx għaliex l-appellati lanqas biss impurtaw iz-zokkor li kellhom jimpurtaw. L-appellanta qalet li kieku l-kwistjoni kienet dwar il-mod kif ħarġu l-liċenzji, iz-zokkor xorta waħda seta' jiġi impurtat. Huwa biss jekk il-liċenzji ma jiġux aċċettati minħabba l-mod kif inħarġu mill-appellanta, u b'hekk kellhom jitħallsu d-dazju u d-*demurrage fees,* li s-soċjetajiet appellati kien ikollhom għalfejn jitolbu d-danni mingħand l-appellanta. Iżda f'dan il-każ is-soċjetajiet appellati baqgħu passivi u m'għamlu xejn, u issa qegħdin jippretendu li kollox imur lura għall-i*status quo ante* għall-mument qabel

issottomettew l-applikazzjoni tagħhom għal-liċenzji mertu tal-proċeduri odjerni.

**Ir-Risposta tal-Appell**

22. Fir-risposta tal-appell tagħhom is-soċjetajiet appellati wieġbu li l-lodo arbitrali mogħti fl-10 ta' Diċembru, 2019 huwa ġust u jimmerita konferma. L-appellati għamlu riferiment għal dak li qal it-Tribunal fir-rigward tal-kompetenza tiegħu, fejn dan qal li l-kelmiet *any dispute arising from claims made to the Paying Agency* għandhom jingħataw interpretazzjoni wiesgħa u mhux restrittiva.

23. L-appellati qalu wkoll li l-qofol ta' din il-kwistjoni huwa l-fatt li l-aġenzija appellanta għażlet li tikser l-artikolu 17(5) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Numru 376/2008 tat-23 ta' April, 2008 meta ma ħarġitx il-liċenzji ttajpjati. L-appellati qalu li l-aġenzija appellanta kellha dan l-obbligu impost fuqha b'mod tassattiv, u f'dan is-sens l-appellanta lanqas kellha għalfejn tistenna li ssir talba mis-soċjetajiet appellati sabiex tagħraf toħroġ il-liċenzji konformi mar-Regolament. Is-soċjetajiet appellati qalu li l-aġenzija appellanta kellha l-obbligu li timxi skont il-liġi, imma minflok għażlet li twebbes rasha u ma tagħtix widen għat-talbiet tagħhom. Is-soċjetajiet appellati qalu li l-aġenzija appellanta f'dan il-każ mhux biss naqset li toħroġ il-liċenzji *ai termini* tal-liġi, imma talbet li jsir il-ħlas taħt il-garanziji bankarji li kienu taw huma stess u ġibdet l-ammont garantit (€165,975).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

24. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-aġenzija appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u s-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetajiet appellati. Il-kwistjoni kollha bdiet meta s-soċjetajiet appellati applikaw għal liċenzji sabiex ikunu jistgħu jimpurtaw kwantità ta' zokkor mill-Indja mingħajr ma jinkorru dazju fuqu, u allegaw li l-aġenzija appellanta naqset li timxi mar-Regolament, li jgħid li l-liċenzja maħruġa għal dan l-iskop għandha tkun ittajpjata jew miktuba b'mezzi komputerizzati, u minflok ħarġitilhom liċenzji miktuba bl-idejn, kif jirriżulta mill-provi. Dan in-nuqqas tal-aġenzija appellanta wassal biex klijenti tas-soċjetajiet appellati madwar l-Ewropa rrifjutaw li jimpurtaw iz-zokkor permezz tal-liċenzji kif maħruġa u dan minħabba t-tħassib li jkollhom iħallsu d-dazju fuqu f'każ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiddeċiedu li l-liċenzji miktuba bl-idejn m'għandhomx jitqiesu validi.

*L-Ewwel Aggravju:* *It-Tribunal ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' l-vertenza odjerna abbażi tar-Regolament 13(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03*

25. L-Aġenzija appellanta ssostni li f'dan il-każ it-Tribunal ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' l-vertenza kif ippostulata mis-soċjetajiet appellati, għaliex it-tilwima odjerna mhix ir-riżultat ta' talba li saret lill-aġenzija appellanta fit-termini tal-liġi, fejn din tistipula li:

> "Kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmulin lill-Aġenzija għall-Pagamenti għandha tiġi riżolta permezz ta' arbitraġġ ...".

L-appellanta spjegat li l-proċeduri ta’ arbitraġġ mandatorju japplikaw biss fejn tkun saret talba minn bdiewa u raħħala sabiex dawn jiġu megħjuna mill-Aġenzija għall-Pagamenti, u t-talba tagħhom tkun ġiet rifjutata. Qalet li hawnhekk dak li qiegħed jintalab mis-soċjetajiet appellati hija deċiżjoni dwar jekk il-liċenzji maħruġa taħt ir-Regolament 376/2008 humiex validi jew le, u għalhekk il-proċeduri tal-arbitraġġ mandatorju ma japplikawx għaċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ.

26. Imma din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan. Meta l-leġiżlatur ħejja l-qafas leġali sabiex uħud mill-vertenzi jibdew jiġu riżolti bil-proċedura tal-arbitraġġ, fuq quddiem nett kien hemm kwistjonijiet ta’ natura kummerċjali, partikolarment dawk li jinvolvu negozji, ħlasijiet ta’ flus, u l-interpretazzjoni ta’ kuntratti. Il-ħsieb wara dawn il-metodi alternattivi ta’ riżolviment ta’ tilwim, kien li jinħoloq mekkaniżmu barra l-qrati fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu b’mod spedjenti abbażi tal-ekwità, sabiex negozjanti u persuni involuti fil-kummerċ ikollhom il-konfort li f’każ li tinqala’ xi tilwima, din tiġi riżolta bl-aktar mod spedjenti possibbli. Għal dan il-għan, l-intenzjoni tal-leġiżlatur żgur li ma kienx li jgħabbi l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ b’formaliżmu u riġidità żejda, u ċertament li d-dispożizzjonijiet tal-liġi ċċitati mill-aġenzija appellanta in sostenn tal-pożizzjoni tagħha għandhom jingħataw l-aktar tifsira wiesgħa possibbli, sabiex jinkludu proprju tilwimiet li mhumiex strettament talbiet minn bdiewa u raħħala għall-għoti ta’ fondi jew pagamenti, iżda li jinkludu wkoll tilwimiet li jirriżultaw minn talbiet oħra li jistgħu jsiru lill-Aġenzija għall-Pagamenti. It-talbiet li għamlu hawnhekk is-soċjetajiet appellati huma għall-

għoti ta' liċenzja valida, b'terminu ta' validità li jippermettilhom li jimpurtaw kwantitajiet ta' zokkor minn pajjiż terz mingħajr ma jinkorru l-ħlas tad-dazju fuqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, talbiet ta' din ix-xorta għandhom wkoll jaqgħu taħt il-kompetenza tat-Tribunal f'każ li tinqala' xi tilwima dwarhom, u għalhekk tqis li dan l-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *It-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li liċenzji miktuba bl-idejn huma invalidi*

27. L-aġenzija appellanta tgħid li minkejja li l-artikolu 17(5) tar-Regolament jistipula li l-liċenzji għandhom ikunu ttajpjati, il-fatt li liċenzji bħal dawn ikunu miktuba bl-idejn, ma jwassalx neċessarjament għan-nullità tal-liċenzja b'mod awtomatiku. Qalet li f'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova li l-konsenja taz-zokkor impurtata mis-soċjetajiet appellati weħlet f'xi port għaliex il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn, u mhux rekwiżit *ad validitatem* li liċenzja tkun ittajpjata biex titqies li hi valida. L-aġenzija appellanta qalet li l-liċenzji miktuba bl-idejn jintużaw mill-importaturi l-ħin kollu, u hi qatt ma ltaqgħet ma' sitwazzjoni fejn dawn tqiesu nulli jew invalidi għaliex ma kinux ittajpjati. Kompliet tgħid li f'dan il-każ, is-soċjetajiet appellati ġabru u aċċettaw il-liċenzji mingħajr ebda riserva, u tant ma kinux tal-fehma li dawn kienu invalidi, li ppruvaw jużawhom meta tefgħu l-offerta tagħhom għax-xiri ta' 8,289 tunnellata ta' zokkor.

28. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. It-test tar-Regolament 376/2008 huwa ċar, u b'mod tassattiv jimponi obbligu fuq l-aġenzija appellanta li l-

liċenzji li toħroġ ikunu ttajpjati jew mimlija b'mezz kompjuterizzat. Mill-provi jirriżulta li f'dan il-każ ma ġarax hekk, u l-aġenzija appellanta għamlet minn kollox biex tevita li tonora dan l-obbligu ċar tagħha li joħroġ mit-test tar-Regolament. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-liċenzji inkwistjoni nħarġu lis-soċjetajiet appellati miktuba bl-idejn, xi ħaġa li apparti li ma kinitx aċċettabbli għall-appellati, lanqas ma tqieset aċċettabbli għall-klijent ewlieni tagħhom ED & F Man, il-klijent prinċipali tagħhom fis-suq Ewropew. Dan meta mill-provi jirriżulta ukoll bl-aktar mod ċar li esponenti tas-soċjetajiet appellati offrew li jassistu lill-impjegati tal-Aġenzija fil-mili ta' dawn il-liċenzji b'mod kompjuterizzat, u meta ex-impjegat tal-Aġenzija xehed li qabel irtira huwa kien ħalla *template* sabiex jintuża mill-uffiċjali tal-Aġenzija. Minkejja dan, l-Aġenzija baqgħet tinsisti li toħroġ dawn il-liċenzji miktuba bl-idejn minflok kif jistipula r-Regolament. L-aġenzija appellanta qalet li mill-provi ma rriżultax li xi konsenja weħlet f'xi port ta' xi Stat Membru għaliex il-liċenzji kienu miktubin bl-idejn, jew li kien hemm xi istanza fejn dawn il-liċenzji tqiesu invalidi. In sostenn tal-argument tagħha li dawn il-liċenzji kienu validi, l-Aġenzija appellanta qalet li s-soċjetajiet appellati kienu konvinti mill-validità tal-liċenzji, tant hu hekk li ppruvaw jagħmlu użu minnhom sabiex jimpurtaw diversi tunnellati ta' zokkor mill-Indja.

29. Il-Qorti tirrileva li kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-aġenzija appellanta, skont dak li xehdu kemm Michael Debono kif ukoll Christian Ducarre, jirriżulta li kienu diversi l-istanzi fejn soċjetajiet li jimpurtaw prodotti minn madwar id-dinja għas-suq Ewropew, iltaqgħu ma' problemi mal-awtoritajiet tal-portijiet ta' diversi Stati Membri għaliex il-liċenzji kienu miktubin bl-idejn. Tant kien reali t-tħassib ta' ED & F Man li dawn il-liċenzji

miktubin bl-idejn ma kinux ser jitqiesu validi, li din ikkanċellat in-negozju ta' importazzjoni li kienet ser tagħmel mingħand is-soċjetajiet appellati. Huwa minnu li l-liċenzji ma kinux meħtieġa biex issir l-importazzjoni taz-zokkor mill-Indja, u li mingħajr tali liċenzji, l-importazzjoni setgħet issir xorta waħda, iżda l-punt kruċjali f'dan in-negozju kien li z-zokkor impurtat bil-liċenzja ma jkunx hemm għalfejn jitħallas dazju fuqu. Kien it-tħassib li f'każ li l-liċenzji jitqiesu invalidi, ikun hemm il-ħtieġa li jitħallas id-dazju fuq iz-zokkor impurtat, li waqqaf in-negozju pprospettat bejn is-soċjetajiet appellati u l-klijent ewlieni tagħhom fis-suq Ewropew. Il-Qorti tirrileva li t-test użat fir-Regolament ma jistax ikun ċar aktar milli hu, u ma tistax tifhem x'inhi r-raġuni għalfejn l-aġenzija appellanta qiegħda tinsisti li hija kienet korretta fil-mod kif imxiet mal-appellati, meta hu ċar li dak li ppruvat tagħmel imur kontra dak li jistipula l-artikolu 17(5) tar-Regolament 376/2008 huwa ċar, u b'mod tassattiv jimponi obbligu fuq l-aġenzija appellanta li l-liċenzji li toħroġ ikunu ttajpjati jew mimlija b'mezz kompjuterizzat. Mill-provi ma jirriżultax lanqas x'inhi r-raġuni għalfejn l-aġenzija appellanta baqgħet tinsisti fuq il-pożizzjoni tagħha, anki meta kien ċar li kien hemm kumpanniji fis-suq lokali li ma kinux komdi jaħdmu bil-liċenzji miltubin bl-idejn. L-aġenzija appellanta hija l-entità fdata bir-responsabbiltà li tassisti diversi persuni u negozji b'dak li jkunu jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jikkompetu u jiffunzjonaw fis-suq Ewropew, u ċertament li attitudni bħal din li qiegħda tiddefendi l-aġenzija appellanta anki f'dawn il-proċeduri, mhijiex ta' konfort għal min ikun jixtieq jagħmel negozju bl-anqas xkiel possibbli. Ta' min jirrileva li f'dan il-każ ġie ppruvat li s-soċjetajiet appellati ġew mgħarrfa mill-klijent ewlieni tagħhom li dan ma riedx jipproċedi bin-negozju pprospettat bejniethom minħabba fil-biżgħa li l-liċenzji ma kinux ser jiġu aċċettati fil-

portijiet tal-Istati Membri. F'dan il-każ it-Tribunal ma setax jasal għal konklużjoni oħra għajr dik li wasal għaliha, għaliex it-test tar-Regolament huwa ċar biżżejjed u tassattiv. Filwaqt li l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu miktuba bl-idejn, fil-każ tal-liċenzji dawn għandhom jinħarġu b'mezz kompjuterizzat. Anki l-fatt li l-aġenzija appellanta offriet li tkun ta' għajnuna f'każ li s-soċjetajiet appellati jiltaqgħu ma' xi problema meta jagħmlu użu mil-liċenzja, jindika li l-appellanta kienet taf li l-mod kif kienet qiegħda toħroġ il-liċenzji seta' jirrendi tali liċenzji invalidi u li ma jkunux aċċettati mill-awtoritajiet doganali ta' xi Stat Membru. Ċertament li m'hemm xejn li din il-Qorti tista' tiċċensura fil-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, jiġifieri li liċenzji bħal dawn, sabiex jitqiesu validi, iridu jkunu maħruġa b'mod kompjuterizzat. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *It-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li l-aġenzija appellanta hija responsabbli għall-fatt li s-soċjetajiet appellati ma setgħux jimpurtaw zokkor*

30. L-aġenzija appellanta tgħid li m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn xi nuqqas da parti tagħha u l-fatt li z-zokkor ma ġiex impurtat. Tgħid li f'dan il-każ, la l-Kummissjoni Ewropea, la l-importatur u lanqas il-portijiet tal-Istati Membri ma sabu xi problema bil-liċenzji kif maħruġa, u ma nġabet l-ebda prova li l-importazzjoni ma rnexxietx għaliex il-liċenzji kienu miktuba bl-idejn. Tgħid ukoll li l-perijodu ta' validità tal-liċenzji ġie estiż wara li saret talba mis-soċjetajiet appellati, u għalhekk l-iżball fid-data ta' validità tal-liċenzji, sal-31 ta' Diċembru, 2013 minflok sal-31 ta' Jannar, 2014, ċertament li ma kien tal-

ebda preġudizzju għas-soċjetajiet appellati. L-aġenzija appellanta qalet ukoll li f'dan il-każ, il-fatt li s-soċjetajiet appellati ressqu talba għal rikonsiderazzjoni għaliex allegaw li kien hemm forza maġġuri meta l-portijiet fl-Indja intlaqtu minn strajk, huwa kontradittorju, għaliex b'din it-talba tagħhom huma donnhom qegħdin jallegaw li l-importazzjoni ma seħħitx minħabba forza maġġuri mhux minħabba fin-nuqqasijiet tal-Aġenzija.

31. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-appellati kellhom raġun isostnu li l-mod kif l-aġenzija appellanta ħarġet il-liċenzji tagħhom kien afflitt minn sensiela ta' nuqqasijiet li lkoll ikkontribwew biex jisfaxxa n-negozju pprospettat bejn l-appellati u l-klijent ewlieni tagħhom fis-suq Ewropew. Mill-provi jirriżulta li filwaqt li l-liċenzji inkwistjoni ma kinux meħtieġa biex jiġi impurtat iz-zokkor minn pajjiż terz, tali liċenzji kienu meħtieġa sabiex is-soċjetajiet appellati ma jħallsux dazju fuq il-prodott impurtat minnhom. Jirriżulta wkoll li f'dan il-każ kienu ser jiġu impurtati diversi tunnellati ta' zokkor, b'valur fis-suq ta' għaxar miljun Euro, u għalhekk il-biżgħa tas-soċjetajiet appellati li f'każ li l-liċenzji maħruġa jitqiesu invalidi, huma jispiċċaw iħallsu d-dazju fuq il-prodott impurtat minnhom, kienet ibbażata fuq espożizzjoni għal riskju konsiderevoli. Għalhekk l-aġenzija appellanta mhijiex korretta meta tgħid li m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità bejn xi nuqqas da parti tagħha u l-fatt li z-zokkor ma ġiex impurtat. Iz-zokkor ma ġiex impurtat għaliex ħadd mill-partijiet involuti f'dan in-negozju ma ried li jkun espost għall-ħlas tad-dazju, f'każ li l-awtoritajiet doganali ta' xi pajjiż jiddeċiedu li l-liċenzji kif maħruġa ma kellhomx jitqiesu li kienu validi. Il-bidu tal-katina ta' avvenimenti li wassal biex in-negozju prospettat jisfaxxa, kienet proprju din l-insistenza da parti tal-aġenzija

appellanta li toħroġ il-liċenzji miktuba bl-idejn, kuntrarjament għal dak li jgħid it-test tal-artikolu 17(5) tar-Regolament.

*Ir-Raba' Aggravju:* *It-Tribunal mhux korrett meta kkonkluda li l-Aġenzija hija responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-appellati*

32. L-aġenzija appellanta tgħid li m'hemm l-ebda ness bejn l-aġir tagħha u l-fatt li l-appellati ma rnexxilhomx jimpurtaw iz-zokkor, għaliex fil-verità z-zokkor seta' jiġi impurtat bil-liċenzji jew mingħajrhom, u għalhekk m'għandhiex tkun hi li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-appellati, liema danni jekwivalu għall-ammont kopert bil-garanzija bankarja pprovduta mis-soċjetajiet appellati.

33. Il-Qorti tirrileva li l-punt kruċjali f'dan il-każ mhux il-fatt li s-soċjetajiet appellati setgħu jimpurtaw iz-zokkor anki mingħajr il-liċenzji, imma li mingħajr liċenzji maħruġa validament, dawn kienu qegħdin jiffaċċjaw ir-riskju li jkollhom iħallsu d-dazju fuq il-prodott impurtat minnhom. F'kuntest ta' negozju f'volumi daqstant kbar, fejn il-ħlas tat-tariffi u d-dazju seta' jlaħħaq eluf kbar ta' Euro, mhux diffiċli li wieħed jifhem li s-soċjetajiet appellati kellhom diffikultajiet jipproċedu bl-importazzjoni li kienu applikaw għaliha, proprju għaliex il-vijabilità tan-negozju pprospettat minnhom tpoġġiet f'dubju. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju tal-aġenzija appellanta, għaliex sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, l-enfasi kienet fuq il-fatt li ladarba l-liċenzji ma kinux maħruġa validament, in-negozju li xtaqu jagħmlu s-soċjetajiet appellati ma setax jipproċedi kif ippjanat, partikolarment għax la s-soċjetajiet appellati u

lanqas il-klijenti tagħhom ma riedu jesponu ruħhom għar-riskju tal-ħlas tad-dazji. Il-qofol tal-kwistjoni hawnhekk mhix jekk l-importazzjoni setgħetx tirnexxi, għaliex minn dak li ntqal tul dawn il-proċeduri jirriżulta li l-liċenzji ma kinux meħtieġa *ad validitatem* biex iz-zokkor seta' jiġi impurtat. Imma kienu meħtieġa liċenzji maħruġa validament skont ir-Regolament biex in-negozju tal-appellati jkun vijabbli, u biex l-appellati jkollhom l-aċċertament li ma kinux ser jiġu obbligati jħallsu dazju fuq il-volumi kbar impurtati minnhom. Kien dan in-nuqqas tal-Aġenzija appellanta li fixkel in-negozju tal-importazzjoni tal-appellati, u għalhekk il-Qorti qiegħda tikkonkludi li f'dan il-każ l-Aġenzija appellanta għandha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti, billi tħallas lura l-flus imħallsa taħt il-garanziji bankarji, bl-imgħax kif stipulat mit-Tribunal. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-aġenzija appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjonijiet appellati fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**